**QORTI KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Att ta' Akkuża numru: 12/23**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Marta Martin DANOBEITIA**
**Juan Jose Fernandez LOPEZ**

**Illum, 30 ta' Jannar 2024**

Il-Qorti,

1. Rat l-att ta' akkuża miġjuba fil-konfront ta' **Marta Martin DANOBEITIA** bint Jose Antonio u Maria Marta, imwielda Spanja fit-30 ta' Jannar 1993, residenti Spanja u detentriċi tal-karta tal-identita` Spanjola bin-numru BHQ164824

   u

   **Juan Jose Fernandez LOPEZ** iben Jose Maria u Esther Lopez, imwieled Spanja fis-17 ta' Ottubru 1988, residenti Spanja u detentur tal-karta tal-identita` Spanjola bin-numru BMU184130, li ġew akkużati talli:

**L-EWWEL (1) KAP**
***Assoċjazzjobni għall-Importazzjoni u Traffikar tad-droga Cannabis***

**Il-Fatti**:

Illi fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u kif ukoll fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel **Marta Martin Danobeitia** u **Juan Jose Fernandez Lopez** (minn hawn 'l quddiem f'dan il-Kap tal-Att ta' Akkuża msejħin "l-akkużati") xjentement iddeċidew illi jassoċjaw rwieħhom flimkien jew ma' persuna jew persuni oħra, f'Malta jew barra minn Malta, bil-għan illi tiġi mportata d-droga, u ċioe` il-pjanta *cannabis*, f'Malta għall-fini ta' traffikar;

Illi l-akkużati ftehmu bejniethom sabiex idaħħlu f'Malta madwar tlettax (13)-il kilo droga *cannabis* u dan billi jittrasportawha ġo żewġ bagalji lejn Malta minn Spanja. In fatti, in eżekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub minn qabel, jirriżulta li nhar it-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), inxtraw żewġ bagalji tal-ajru għaż-żewġ akkużati fl-istess ħin, għall-istess titjira lejn Malta, u nhar l-erbatax (14) ta' Ottubru tal-istess sena, l-akkużati waslu Malta flimkien permezz ta' titjira FR 1409 minn Sevilja, Spanja, filwaqt li kienu fil-pussess xjenti tad-droga *cannabis* moħbija fil-bagalji li kienu qegħdin iġorru magħhom sabiex l-imsemmija droga tiġi mportata u traffikata f'Malta;

Illi fortunatament, id-droga ġiet interċettata fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta mal-wasla tal-akkużati f'Malta, u dan wara li saret tfittxija fil-bagalji rispettivi tagħhom minn uffiċċjali tad-dwana. Minn din it-tfittxija rriżulta li ġewwa dawn il-bagalji kien hemm total ta' tlettax (13) il-pakkett b'sustanza ħadra fihom, fejn sitta (6) minnhom instabu fil-bagalja ta' **Juan Jose Fernandez Lopez** u s-sebgħa (7) l-oħra nstabu fil-bagalja li kienet qiegħda ġġorr **Marta Martin Danobeitia**;

Illi minn eżamijiet u analiżi ulterjuri li saru mill-espert tal-Qorti fuq is-sustanza ħadra li nstabet fil-bagalji tal-akkużati ġie kkonfermat li filfatt din kienet tikkonsisti minn partijiet tal-pjanta *cannabis*. Jirriżulta li fis-sitt (6) pakketti li nstabu ġewwa l-bagalja ta' **Juan Jose Fernandez Lopez** kien hemm ħamsa punt erbgħa u disgħin kilogramma (5.94kg), filwaqt li

fis-seba' (7) pakketti li nstabu ġewwa l-bagalja ta' **Marta Martin Danobeitia** kien hemm sitta punt disgħa u tmenin kilogramma (6.89kg). Komplessivament, il-piż totali ta' din is-sustanza llegali li nstabet fiż-żewġ bagalji tal-akkużati kien ta' tnax punt tlieta u tmenin kilogramma (12.83kg) b'persentaġġ medju ta' *Cannabinoid* fil-materjal ta' tnax fil-mija (12%) u b'valur fis-suq, dak iż-żmien stmat, ta' mitejn u tlieta u erbgħin elf u sebgħa mija u sebgħin ewro (€243,770);

Illi barra minn hekk, minn analiżi tad-DNA li ġie estratt mill-espert tal-Qorti mill-kampjuni li ttieħdu minn fuq il-pakketti li fihom kien hemm partijiet mill-pjanta *cannabis*, jirriżulta li kemm fuq il-pakketti li nstabu fil-bagalja ta' **Marta Martin Danobeitia** u kemm fuq il-pakkett li nstabu fil-bagalja ta' **Juan Jose Fernandez Lopez**, ħareġ profil ġenetiku li jaqbel ma' dak ta' **Juan Jose Fernandez Lopez**;

Illi d-droga *cannabis* hija regolata fl-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Il-Konsegwenzi**:

Illi b'għemilhom l-akkużati **Marta Martin Danobeitia** u **Juan Jose Fernandez Lopez** saru ħatja talli assoċjaw ruħhom flimkien jew ma' persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħu jew jitraffikaw mediċina f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe` il-pjanta *cannabis*, jew li ppromovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assoċjazzjoni.

**L-Akkuża**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hawn fuq imsemmija, jakkuża lill-imsemmija akkużati **Marta Martin Danobeitia** u **Juan Jose Fernandez Lopez** ħatja talli fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u kif ukoll fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel, assoċjaw rwieħhom flimkien jew ma' persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħu jew jitraffikaw mediċina f'Malta kontra d-

dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe` il-pjanta *cannabis*, jew li ppromovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assoċjazzjoni.

**Il-Piena Mitluba**:

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jsir skont il-Liġi kontra l-akkużati u dan billi kull wieħed u waħda minnhom jiġu kkundannati għal piena ta' priġunerija għal għomorhom u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il ef, erba' mija u tmienja u sittin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern, kemm tal-oġġetti kollha li servew biex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli oħra u tal-proprjeta` immobbli kollha tagħhom skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8, 22(1)(a)(f), 22(1A), 22(1B), 22(2)(a)(i), 22(3A)(a)(b)(ċ)(d), 22(9), 22A, 26 u 28 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużati **Marta Martin Danobeitia** u **Juan Jose Fernandez Lopez**.

**IT-TIENI (2) KAP**
***Importazzjoni tad-droga Cannabis***

**Il-Fatti**:

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikati fl-ewwel Kap ta' dan l-Att tal-Akkuża u ċioe` fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u kif ukoll fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel **Marta Martin Danobeitia** u **Juan Jose Fernandez Lopez** (minn hawn 'l quddiem f'dan il-Kap tal-Att ta' Akkuża msejħin "l-akkużati") iddeċidew li jimportaw ġewwa l-gżejjer Maltin il-pjanta *cannabis*. Jirriżulta li fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) l-akkużati volontarjament u xjentement għamlu vjaġġ minn Sevilja, Spanja lejn Malta sabiex jimportaw ammont sostanzjali ta' droga *cannabis* moħbija fil-bagalji li huma kienu qegħdin iġorru magħhom u dan meta kienu jafu li kienu qiegħdin jimportaw l-imsemmija droga;

Illi d-droga hawn fuq imsemmija ġiet interċettata fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta mal-wasla tal-akkużati f'Malta permezz ta' titjira FR 1409 minn Sevilja, Spanja, u dan wara li saret tfittxija fil-bagalji rispettivi tagħhom minn uffiċċjali tad-dwana. Minn din it-tfittxija rriżulta li ġewwa dawn il-bagalji kien hemm total ta' tlettax (13) il-pakkett b'sustanza ħadra fihom fejn sitta (6) minnhom instabu fil-bagalja ta' **Juan Jose Fernandez Lopez** u s-sebgħa (7) l-oħra nstabu fil-bagalja li kienet qiegħda ġġorr **Marta Martin Danobeitia**;

Illi minn eżamijiet u analiżi ulterjuri li saru mill-espert tal-Qorti fuq is-sustanza ħadra li nstabet fil-bagalji tal-akkużati ġie kkonfermat li filfatt din kienet tikkonsisti minn partijiet tal-pjanta *cannabis*. Jirriżulta li fis-sitt (6) pakketti li nstabu ġewwa l-bagalja ta' **Juan Jose Fernandez Lopez** kien hemm ħamsa punt erbgħa u disgħin kilogramma (5.94kg), filwaqt li fis-seba' (7) pakketti li nstabu ġewwa l-bagalja ta' **Marta Martin Danobeitia** kien hemm sitta punt disgħa u tmenin kilogramma (6.89kg). Komplessivament, il-piż totali ta' din is-sustanza llegali li nstabet fiż-żewġ bagalji tal-akkużati kien ta' tnax punt tlieta u tmenin kilogramma (12.83kg) b'persentaġġ medju ta' *Cannabinoid* fil-materjal ta' tnax fil-mija (12%) u b'valur fis-suq, dak iż-żmien stmat, ta' mitejn u tlieta u erbgħin elf u sebgħa mija u sebgħin ewro (€243,770);

Illi barra minn hekk, minn analiżi tad-DNA li ġie estratt mill-espert tal-Qorti mill-kampjuni li ttieħdu minn fuq il-pakketti li fihom kien hemm partijiet mill-pjanta *cannabis*, jirriżulta li kemm fuq il-pakketti li nstabu fil-bagalja ta' **Marta Martin Danobeitia** u kemm fuq il-pakkett li nstabu fil-bagalja ta' **Juan Jose Fernandez Lopez**, ħareġ profil ġenetiku li jaqbel ma' dak ta' **Juan Jose Fernandez Lopez**;

Illi d-droga *cannabis* hija regolata fl-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-akkużati **Marta Martin Danobeitia** u **Juan Jose Fernandez Lopez** ma kellhom ebda permess jew awtorizzazzjoni skont il-liġi sabiex ikunu jistgħu jimportaw din is-sustanza.

**<u>Il-Konsegwenzi</u>**:

Illi b'għemilhom, l-akkużati **Marta Martin Danobeitia** u **Juan Jose Fernandez Lopez** saru ħatja talli importaw, ġiegħlu li tiġi mportata jew għamlu xi ħaġa biex tkun tista' tiġi mportata mediċina perikoluża, u ċioe` l-pjanta *cannabis*, kollha jew biċċa minnha, f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kellhomx liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dik is-sustanza, b'dan illi l-importazzjoni ma kinitx għall-użu esklussiv tal-akkużati.

**<u>L-Akkuża</u>**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmija akkużati **Marta Martin Danobeitia** u **Juan Jose Fernandez Lopez** ħatja talli fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) f'dawn il-Gżejjer, importaw, ġiegħlu li tiġi mportata jew għamlu xi ħaġa biex tkun tista' tiġi mportata mediċina perikoluża, u ċioe` l-pjanta *cannabis*, kollha jew biċċa minnha, f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kellhomx liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dik is-sustanza, b'dan illi l-importazzjoni ma kinitx għall-użu esklussiv tal-akkużati.

**<u>Il-Piena Mitluba</u>**:

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jsir skont il-Liġi kontra l-akkużati u dan billi kull wieħed u waħda minnhom jiġu kkundannati għal piena ta' priġunerija għal għomorhom u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il ef, erba' mija u tmienja u sittin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern, kemm tal-oġġetti kollha li servew biex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli oħra u tal-proprjeta` immobbli kollha tagħhom skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(e), 10(1), 12, 14, 15A, 16,

22(1)(a), 22(1B), 22(2)(a)(i), 22(3A)(a)(b)(ċ)(d), 22(9), 22A, 26 u 28 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, u fl-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

**IT-TIELET (3) KAP**
***Pussess tad-droga Cannabis mhux għall-użu esklussiv***

**<u>Il-Fatti</u>**:

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikati fil-kapi preċedenti ta' dan l-Att tal-Akkuża, meta **Marta Martin Danobeitia** u **Juan Jose Fernandez Lopez** (minn hawn 'l quddiem f'dan il-Kap tal-Att ta' Akkuża msejħin "l-akkużati") waslu Malta permez ta' titjira FR 1409 minn Sevilja, Spanja, fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), wara tfittxija fil-bagalji rispettivi tagħhom minn uffiċċjali tad-dwana ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, jirriżulta li kellhom fil-pussess tagħhom total ta' tlettax (13) il-pakkett b'sustanza ħadra fihom fejn sitta (6) minnhom instabu fil-bagalja ta' **Juan Jose Fernandez Lopez** u s-sebgħa (7) l-oħra nstabu fil-bagalja li kienet qiegħda ġġorr **Marta Martin Danobeitia**;

Illi minn eżamijiet u analiżi ulterjuri li saru mill-espert tal-Qorti fuq is-sustanza ħadra li nstabet fil-bagalji tal-akkużati ġie kkonfermat li filfatt din kienet tikkonsisti minn partijiet tal-pjanta *cannabis*. Jirriżulta li fis-sitt (6) pakketti li nstabu ġewwa l-bagalja ta' **Juan Jose Fernandez Lopez** kien hemm ħamsa punt erbgħa u disgħin kilogramma (5.94kg), filwaqt li fis-seba' (7) pakketti li nstabu ġewwa l-bagalja ta' **Marta Martin Danobeitia** kien hemm sitta punt disgħa u tmenin kilogramma (6.89kg). Komplessivament, il-piż totali ta' din is-sustanza llegali li nstabet fiż-żewġ bagalji tal-akkużati kien ta' tnax punt tlieta u tmenin kilogramma (12.83kg) b'persentaġġ medju ta' *Cannabinoid* fil-materjal ta' tnax fil-mija (12%) u b'valur fis-suq, dak iż-żmien stmat, ta' mitejn u tlieta u erbgħin elf u sebgħa mija u sebgħin ewro (€243,770);

Illi barra minn hekk, minn analiżi tad-DNA li ġie estratt mill-espert tal-Qorti mill-kampjuni li ttieħdu minn fuq il-pakketti li fihom kien hemm partijiet mill-pjanta *cannabis*, jirriżulta li kemm fuq il-pakketti li nstabu fil-bagalja ta' **Marta Martin Danobeitia** u kemm fuq il-pakkett li nstabu fil-bagalja ta' **Juan Jose Fernandez Lopez**, ħareġ profil ġenetiku li jaqbel ma' dak ta' **Juan Jose Fernandez Lopez**;

Illi tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ kif ukoll l-ammont inniffsu tad-droga li nstabet fil-pussess tal-akkużati juru li tali droga ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tagħhom;

Illi d-droga *cannabis* hija regolata fl-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-akkużati **Marta Martin Danobeitia** u **Juan Jose Fernandez Lopez** ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa skont il-Liġi li tippermettilhom li jkollhom fil-pussess tagħhom din id-droga.

**Il-Konsegwenzi**:

Illi b'għemilhom, l-akkużati **Marta Martin Danobeitia** u **Juan Jose Fernandez Lopez** saru ħatja talli kellhom fil-pussess tagħhom il-pjanta *Cannabis*, kollha jew biċċa minnha, meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima Sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi; u mingħajr ma kellhom liċenzja jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw l-imsemmija droga, jew ifornu din id-droga; u ma kienux b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u mingħajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew b'awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollhom l-imsemmija droga fil-pussess tagħhom; u dik id-droga ma ġietx fornita lilhom għall-użu tagħhom skont riċetta kif provdut fl-imsemmija Regoli, u dan taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħhom.

**L-Akkuża**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-akkużati **Marta Martin Danobeitia** u **Juan Jose Fernandez Lopez** ħatja talli fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) f'dawn il-Gżejjer, kellhom fil-pussess tagħhom il-pjanta *Cannabis*, kollha jew biċċa minnha, meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima Sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi; u mingħajr ma kellhom liċenzja jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw l-imsemmija droga, jew ifornu din id-droga; u ma kienux b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u mingħajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew b'awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollhom l-imsemmija droga fil-pussess tagħhom; u dik id-droga ma ġietx fornita lilhom għall-użu tagħhom skont riċetta kif provdut fl-imsemmija Regoli, u dan taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħhom.

**<u>Il-Piena</u>**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jsir skont il-Liġi kontra l-akkużati u dan billi kull wieħed u waħda minnhom jiġu kkundannati għal piena ta' priġunerija għal għomorhom u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il ef, erba' mija u tmienja u sittin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern kemm tal-oġġetti kollha li servew biex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli oħra u tal-proprjeta` immobbli kollha tagħhom skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d), 12, 14, 16, 22(1)(a), 22(2)(a)(i), 22(3A)(a)(b)(ċ)(d), 22(9), 22A, 24, 24A, 26 u 28 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regola 9 tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, u fl-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

**IR-RABA' (4) KAP**
***Fil-konfront ta' Juan Jose Fernandez Lopez <u>waħdu</u>***
***Importazzjoni tad-droga Kokajina***

**<u>Il-Fatti</u>**:

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikati fil-kapi preċedenti ta' dan l-Att tal-Akkuża u ċioe` fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), l-akkużat **Juan Jose Fernandez Lopez** (minn hawn 'l quddiem f'dan il-Kap tal-Att ta' Akkuża msejjaħ "l-akkużat"), importa ġewwa l-gżejjer Maltin id-droga kokajina;

Illi mal-wasla tiegħu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) permezz ta' titjira FR 1409 minn Sevilja, Spanja, saret tfittxija fil-bagalja tiegħu, li fha nstabu sitt (6) pakketti kontenenti ħamsa punt erbgħa u disgħin kilogramma (5.94kg) pjanta *cannabis*, u saret ukoll tfittxija fuq il-persuna tiegħu minn uffiċċjali tad-dwana minn fejn irriżulta li fuq il-persuna tal-akkużat instabet borża b'ammont żgħir ta' trab abjad;

Illi minn eżamijiet u analiżi ulterjuri li saru mill-espert tal-Qorti, it-trab ta' lewn abjad ġie identifikat bħala kokajina b'piż ta' tnejn punt tlieta u erbgħin gramma (2.43g) u b'persentaġġ medju ta' kokajina fil-materjal ta' sittin fil-mija (60%);

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-akkużat **Juan Jose Fernandez Lopez** ma kellu ebda permess jew awtorizzazzjoni skond il-liġi sabiex ikun jista' jimporta din is-sustanza.

**<u>Il-Konsegwenzi</u>**:

Illi b'għemilu, l-akkużat **Juan Jose Fernandez Lopez** sar ħati talli importa, jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi

importata mediċina perikoluża, u cioe` l-kokajina, f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kellux liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dik is-sustanza.

**L-Akkuża**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi akkużat **Juan Jose Fernandez Lopez** ħati talli fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) f'dawn il-Gżejjer, importa, jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża, u cioe` l-kokajina, f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kellux liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dik is-sustanza.

**Il-Piena**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jsir skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Juan Jose Fernandez Lopez**, billi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tnax-il (12) xahar iżda mhux iżjed minn għaxar (10) snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73) u l-konfiska favur il-Gvern  kemm tal-oġġetti kollha li servew biex isir id-delitt, kif ukoll ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli oħra u tal-proprjeta` immobbli kollha tiegħu skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 16, 15A, 20, 22(1)(a), 22(1B), 22(2)(a)(ii), 22(3A)(a)(b)(ċ)(d), 22A, 26 u 28 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, u fl-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużat.

**IL-ĦAMES (5) KAP**
***Fil-konfront ta' Juan Jose Fernandez Lopez <u>waħdu</u>***
***Pussess tad-droga Kokajina***

**<u>Il-Fatti</u>**:

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikati fil-kapi preċedenti ta' dan l-Att tal-Akkuża, meta **Juan Jose Fernandez Lopez** (minn hawn 'l quddiem f'dan il-Kap tal-Att ta' Akkuża msejjaħ "l-akkużat") wasal Malta permezz ta' titjira FR 1409 minn Sevilja, Spanja, fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), wara tfittxija li saret minn uffiċċjali tad-dwana mal-wasla tiegħu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, jirriżulta li fuq il-persuna tiegħu huwa kien fil-pussess ta' borża b'ammont żgħir ta' trab abjad, u dan minbarra s-sitt (6) pakketti kontenenti *circa* sitt kilogramma (6kg) pjanta *cannabis* fil-bagalja tiegħu;

Illi minn eżamijiet u analiżi ulterjuri li saru mill-espert tal-Qorti, it-trab ta' lewn abjad ġie identifikat bħala kokajina b'piż ta' tnejn punt tlieta u erbgħin gramma (2.43g) u b'persentaġġ medju ta' kokajina fil-materjal ta' sittin fil-mija (60%);

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-akkużat **Juan Jose Fernandez Lopez** ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa skond il-Liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu din id-droga.

**<u>Il-Konsegwenzi</u>**:

Illi b'għemilu, l-akkużat **Juan Jose Fernandez Lopez** sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima Sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi; u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura l-imsemmija droga,

jew iforni din id-droga; u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew b'awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu l-imsemmija droga fil-pussess tiegħu; u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fl-imsemmija Regoli.

**L-Akkuża**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmi akkużat **Juan Jose Fernandez Lopez** ħati talli fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima Sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi; u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura l-imsemmija droga, jew iforni din id-droga; u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew b'awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu l-imsemmija droga fil-pussess tiegħu; u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fl-imsemmija Regoli.

**Il-Piena**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jsir skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Juan Jose Fernandez Lopez**, billi jiġi kkundannat għal piena ta' mhux inqas minn tnax-il (12) xahar iżda mhux iżjed minn għaxar (10) snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73) u l-konfiska favur il-Gvern kemm tal-oġġetti kollha li servew biex isir id-delitt, kif ukoll ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli oħra u tal-proprjeta`

immobbli kollha tiegħu skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 12, 14, 16, 20, 22(1)(a), 22(2)(a)(ii), 22(3A)(a)(b)(ċ)(d), 26 u 28 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fir-regola 9 tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, u fl-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużat **Juan Jose Fernandez Lopez**.

2. Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet preliminari tal-akkużata **Marta Martin DANOBEITIA** ippreżentata nhar l-24 ta' Marzu 2023 a tenur tal-Artikolu 438(2) tal-Kodiċi Kriminali, fejn hija eċċepiet is-segwenti:

1. Ix-xogħol kollu magħmul u r-relazzjoni rilevanti magħmula mill-ispiżjar Gilbert Mercieca huma provi inammissibbli u dana stante li r-regola fundamentali fil-proċess penali, ossia dik taċ-*chain of evidence*, ġiet miksura. Konsegwentement sia r-relazzjonijiet kif ukoll kull deposizzjoni li ta u li ġew mogħtija mix-xhud indikat huma inammissibbli u għaldaqstant, lanqas ix-xhud ma huwa xhud ammissibbli. Din l-eċċezzjoni qegħda tingħata a tenur u bis-saħħa tal-artikolu 438(2)(i) tal-Kodiċi Kriminali.

2. Illi kwalunkwe dikjarazzjoni tal-esponenti, kif ukoll tal-ko-akkużat, ma humiex ammissibbli u dana stante li saru mingħajr l-assistenza ta' avukat u kif ukoll stante li jiksru r-regola tal-*bad character evidence* u dana għad-dannu tal-esponenti. Din l-eċċezzjoni qegħda tingħata a tenur u bis-saħħa tal-artikolu 438(2)(i) tal-Kodiċi Kriminali.

3. Illi l-*controlled delivery* mertu ta' dawn il-proċeduri hija *per se null and void* u dana stante li filwaqt li ssemmiet awtorizzazzjoni sabiex din saret mill-Maġistrat li mexxa l-*In Genere* relattiva [Maġ. Dr. Astrid May Grima], hemm nuqqasijiet sostanzjali li jrendu dan l-eżerċizzju kif seħħ fil-prattika null, mill-aspett legali stante li dak li trid il-liġi ma ġiex osservat. Għaldaqstant a bażi tal-prinċipju legali *quod nullum est, nullum producit effectum*, dak kollu li rriżulta minn tali *controlled delivery* huwa inammissibbli. Din l-eċċezzjoni qegħda tingħata a tenur u bis-saħħa tal-artikolu 438(2)(i) tal-Kodiċi Kriminali.

4. Illi l-esponenti qegħda tindika lill-ko-akkużat Juan Jose Fernandez Lopez bħala xhud tagħha, liema xhud huwa essenzjali u kruċjali għad-difiża tagħha. Bid-deċiżjoni insindikabbli tal-Avukat Ġenerali li jakkuża lill-ko-imputati fl-istess Att ta' Akkuża huwa qiegħed arbitrarjament jimpedixxi l-produċibilita` ta' wieħed minn l-iktar xhieda ta' importanza għall-innoċenza tal-esponenti li huwa proprju Juan Jose Fernandez Lopez li fil-preżent m'huwiex xhud produċibbli stante l-inammissiblita` tiegħu.

5. Illi l-esponent akkużat[a] j[t]eċċepixxi n-nullita` tal-Att ta' Akkuża. Wieħed ma jkunx qiegħed jonqos meta jgħid li l-Att ta' Akkuża ġie redatt b'tali mod li l-ġurati jingħataw impressjoni li b'mod immedjat ser tixħet dawl ikrah fuq l-esponent, u per konsegwenza tista' tippreġudika irrimedjabilment l-proċess tiegħu [tagħha] mill-bidu nett. Il-mod ta' kif inhu redatt l-Att ta' Akkuża jista' jwassal illi s-serenita` tal-ġudizzju tal-ġurati tiġi disturbata u għalhekk jista' jinħoloq preġudizzju ta' smigħ xieraq. Bl-akbar rispett, l-Avukat Ġenerali fl-Att ta' Akkuża konvenjentement għażel li jħalli barra dawk id-dettalji li jimmilitaw favur l-esponent. Il-ġurati ser jitħalla[ew] fl-għama minn informazzjoni fundamentali.

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Att ta' Akkuża għandha tiġi riformata billi hija nieqsa minn fatti fin-narrativa li huma essenzjali u neċessarji ai finijiet ta' ġustizzja. Għalhekk jeħtieġ li fl-ewwel lok din il-Qorti tqis dak li Att ta' Akkuża għandha tinkludi fatti xjentifiċi li jirrispekkjaw l-elementi formali tar-reati addebitati. F'dan ir-rigward huwa applikabbli l-Artikolu 589 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-investigazzjoni hija karenti mis-salvagwardja tad-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali hekk kif dispost fil-liġi. L-akkużat[a] ma ngħata[t]x id-dritt ta' aċċess għall-materjal tal-każ u lanqas ma ġie[t] mogħti[ja] aċċess għall-fatti u l-materjal kollu tal-każ. Din l-informazzjoni kellha tingħata fil-pront u bid-dettal meħtieġ sabiex tiġi salvagwardjata l-korrettezza tal-proċeduri u l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża. L-akkużat[a] ma kien[it]x j[t]af u allura ma setgħa[t]x tirrealizza s-serjeta` tal-każ u l-konsegwenzi tiegħu, u għalhekk l-istadju pre-trial qua wieħed purament investigattiv għandu jiġi sfilzat wara analiżi tal-fattispeċie tal-każ in

diżamina. Din l-eċċezzjoni qegħda tingħata a tenur u bis-saħħat al-Artikolu 438(2)(i) tal-Kodiċi Kriminali.

8. Illi l-preżenti eċċezzjonijiet qed jiġu preżentati mingħajr ebda preġudizzju għal kwalunkwe eċċezzjoni ulterjuri li tista' titqanqal *ex officio* jew oħrajn permissibbli fi stadju ulterjuri.

3. Rat illi l-akkużat **Juan Jose Fernandez LOPEZ** għażel li ma jippreżentax nota ta' eċċezzjonijiet preliminari fit-termini tal-Artikoli 438(2) tal-Kodiċi Kriminali;

4. Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali għan-nota tal-eċċezzjonijiet tal-akkużata **Marta Martin DANOBEITIA** tad-19 ta' Ġunju 2023;

5. Rat illi l-partijiet trattaw dwar l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-akkużata **Marta Martin DANOBEITIA** fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, nhar it-28 ta' Settembru 2023;

6. Rat ukoll illi fl-udjenza tas-7 ta' Diċembru 2023, miżmuma quddiem din il-Qorti kif preseduta, wara li l-Imħallef sedenti ddikjarat illi f'dan il-każ, hija kienet waħda mill-Maġistrati sedenti fil-Qorti Istruttorja, il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhom l-ebda oġġezzjoni illi hija tkompli tippresjedi f'din il-kawża;

7. Rat in oltre illi fl-istess udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti nhar is-7 ta' Diċembru 2023, Dr. Matthew Xuereb u Dr. Noel Bianco għall-akkużata **Marta Martin DANOBEITIA** u Dr. Maria Francesca Spiteri għall-Avukat Ġenerali, iddikjaraw illi ma kellhom xejn xi jżidu mas-sottomissjonijiet tagħhom quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta.

8. Rat l-atti kollha proċesswali.

**Ikkunsidrat:**

**<u>L-Ewwel Eċċezzjoni Preliminari</u>**

9. Illi permezz tal-**ewwel eċċezzjoni preliminari**, l-akkużata tattakka l-ammissibilita` tal-prova tar-relazzjoni tal-espert forensiku, ix-Xjenzat Gilbert Mercieca u tax-xhieda tiegħu fil-proċeduri u dan stante illi, skont l-istess akkużata, ġiet miksura r-regola taċ-*chain of evidence*.

10. Illi fir-rigward, jirriżulta mill-atti proċesswali illi x-Xjenzat Gilbert Mercieca ġie maħtur bħala espert kimiku mill-Maġistrat Inkwirenti Dr. Astrid May Grima, fil-mori tal-inkjesta li saret dwar dan il-każ u dan permezz ta' digriet datat l-14 ta' Ottubru 2020.[1] Jirriżulta in oltre illi l-istess espert xehed fil-mori tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja nhar l-20 ta' Ottubru 2020[2], nhar it-23 ta' Marzu 2021, f'liema udjenza huwa ppreżenta r-relazzjoni tiegħu[3], kif ukoll nhar is-7 ta' Novembru 2022, waqt liema xhieda huwa għamel korrezzjoni fir-relazzjoni tiegħu billi kkoreġa n-numru li bih identifika esebit indikat fl-istess relazzjoni fit-Tabella 1.1.[4]

11. Illi kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tat-28 ta' Marzu 2023, fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Clayton McKay</u>**:

> 32. Il-prinċipju tal-ħarsien tal-integrita probatorja u proċesswali bit-tħaris taċ-*chain of custody* huwa fundamentali fil-kawżi kriminali. L-akkużat għandu jkollu garanzija tal-awtentiċita', integrita, u kontinwita tal-provi ppreżentati mill-Prosekuzzjoni. Għandu jkollu jedd għal garanzija ta kif tkun l-oriġini tagħhom, ta' xi movimenti li dawn setgħu għamlu u tal-mod kif dawn ġew ippreżervati mill-mument illi tali provi nstabu u/jew ġew ikkompilati sal-mument illi l-istess ġew ippreżentati bħala evidenza fil-proċeduri quddiem il-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali.

[1] Ara d-digriet tal-Maġistrat Inkwirenti Dr. Astrid May Grima tal-14 ta' Ottubru 2020, a fol. 142 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 28 *et seq* tal-proċess.
[3] Ara din ix-xhieda a fol. 93 *et seq* tal-proċess u r-relazzjoni tiegħu esebita bħala Dok. GM1, a fol. 96 *et seq* tal-proċess.
[4] Ara x-xhieda tal-espert a fol. 305 tal-proċess u l-korrezzjoni fir-relazzjoni tiegħu li tidher a fol. 98 tal-proċess.

> 33. Ma jrid jitħalla ebda dubju raġonevoli f'moħħ min irid jiġġudika l-fatt li dik l-evidenza dejjem kienet traċċjabbli u li ma sfet qatt mibdula, mbagħbsa, mittiefsa jew meqruda minn terzi; altrimenti l-integrita' ta' dik il-prova u tal-proċess penali jistgħu ikunu ġew serjament kompromessi. Ikun għalhekk isegwi illi l-Prosekuzzjoni jeħtieġilha tipprova li dik l-evidenza li ġiet rakkolta, proċessata u kkustodita kienet awtentika u miżmuma b'mod integru fil-franġent ta' bejn dawn l-istadji ta' ġbir u preżervazzjoni għal mument ta' meta l-istess tiġi prodotta biex tintuża' bħala evidenza fil-Qorti.

12. Hawnhekk il-Qorti għamlet referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tat-30 ta' Jannar 2019, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Fodie Keita**, li qalet hekk dwar iċ-*chain of evidence*:

> 17. ... L-ghan ewlieni ta' kull qorti ta' gustizzja penali huwa li tara illi l-akkuzat ikollu smigh xieraq. Meta process penali jwassal ghal dikjarazzjoni ta' htija msejsa fuq evidenza kontaminata, il-jedd ghal smigh xieraq ikun qed jigi vjolat. Madanakollu sabiex il-Qorti tasal biex tistabilixxi l-validita' tal-prova kostitwita b`dik l-evidenza jrid isir ezami tal-iter segwiet mill-mument illi dik il-prova ndizzjarja titfacca fil-kors tal-investigazzjoni tal-pulizija, kif u minn min tkun giet elevata, kif tkun giet ippreservata u sussegwentement min ghamel l-ezamijiet forensici fuqha u b'liema mod, sabiex fl-ahhar issib postha quddiem il-Qorti.
>
> 18. Dan ghaliex:
>
> **Wherever he steps, whatever he touches, whatever he leaves, even unconsciously, will serve as silent evidence against him. Not only his fingerprints or his footprints, but his hair, the fibres from his clothes, the glass he breaks, the tool mark he leaves, the paint he scratches, the blood or semen he deposits or collects - all these and more bear mute witness against him. This is evidence that does not forget. It is not confused by the excitement of the moment. It is not**

**absent because human witnesses are. It is factual evidence. Physical evidence cannot be wrong; it cannot perjure itself; it cannot be wholly absent. Only its interpretation can err. Only human failure to find it, study and understand it, can diminish its value. (Kirk, Paul, Crime investigation, John Wiley & Sons Canada, Limited, 1953).**

**However, the value of even the most carefully recovered and preserved evidence can be lost if the chain-of-custody is not properly maintained. "Chain-of-custody" is often recognized as the weak link in criminal investigations. It refers to the chronological and careful documentation of evidence to establish its connection to an alleged crime. From the beginning to the end of the forensic process, it is crucial to be able to demonstrate every single step undertaken to ensure "traceability" and "continuity" of the evidence from the crime scene to the courtroom.**[5]

13. Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Clayton Mc Kay**, din il-Qorti, kif diversement preseduta, imbagħad kompliet hekk:

> 35. Fuq livell internazzjonali wieħed isib ukoll pronunzjamenti oħra, bħal dawk tal-Qorti Suprema Amerikana fejn fis-sentenza **Hawkins v. State of Arkansas** għamlet referenza għal sentenza oħra **Guydon v. State** li hija meqjusa bħala 'landmark case' fuq materja ta' ammissibilita' ta' evidenza. In fatti, evidenza tkun ritenuta ammissibbli **biss** jekk din l-evidenza tkun awtentika u ma jirriżultax li qatt ġiet mittiefsa jew mibdula b'xi mod u dan in linja mal-prinċipju tac-'chain of custody'. L-istess intqal fil-każijiet **Chatmon v. State, Garner v. State u Davis v. State**[6], fost oħrajn. Imbagħad, issir referenza wkoll għas-sentenzi **State v. Thomas, State v. Olsen, State v. Burtchett u Mallillin v. People** fejn ukoll il-prinċipju regolatur għal dak li għandu x'jaqsam mal-ammissibilita' tal-evidenza, kien enunċjat bħala bbażat fuq il-prova li dik l-evidenza utilizzata mill-

[5] www.unodc.org/documents/scientific/Crime_scene_awareness__Ebook.pdf - Crime scene and physical evidence awareness for non-forensic personnel - United Nations Office on drugs and crime (2009)

[6] Il-*footnote* fis-sentenza ċitata hawnhekk taqra hekk: Citing Guydon v. State, 344 Ark. 251 | Casetext aċċess: 20/10/22

Prosekuzzjoni ma ġiet qatt mibdula. Intqal ukoll kif l-ammissibilita' ta' din l-evidenza fil-Qorti teħtieġ eżerċizzju ta' apprezzament ta' fatturi bħalma huma 'the nature of the article, the circumstances surrounding the preservation and custody of it, and the likelihood of intermeddlers tampering with it'.[7] Fir-rigward tat-traċċjabilita' tal-evidenza, **f'Barron v. Valdmanis**[8] intqal hekk:

> In criminal prosecution where it is necessary to establish that material found in the accused's possession is identical with material subsequently analysed, there are, as was pointed out by Brereton J Young v Commissioner for Railways (1962) NSWR 647 at 651, two ways of doing so. **The first is to trace it from hand to hand and to this end it is usually necessary to call every person who had it in custody from the point of origin to the end of its journey**. The second method is to identify that which was found in the possession of a person charged by its physical characteristics with that which was analysed; per Justice Meares. [enfasi ta' dik il-Qorti]

36. L-istess intqal f'**People v. Beran**[9] fejn il-prinċipju tac-'chain of custody' ġie enunċjat bħala marbut man-neċessita' li tiġi assigurata l-integrita' u l-valur probatorju tal-evidenza miġjuba u ntqal kif dan iseħħ biss jekk:

> To be admissible, the prosecution must establish by records or testimony **the continuous whereabouts of the exhibit** from the time it came into the possession of the police officers, until it was tested in the laboratory to determine its composition, and all the way to the time it was offered in evidence. [enfasi ta' dik il-Qorti]

37. U minħabba l-importanza li tiġi stabbilita' t-traċċjabilita' tal-evidenza, huwa neċessarju li, kull min b'xi mod kien involut fit-teħid u l-kustodja tagħha, jiġi mitlub biex jixhed dwar l-involviment tiegħu kif intqal. Hekk biss l-akkużat jista' jkollu kontroll totali fuq l-integrita' ta' dik l-evidenza. Dan kien

[7] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għal **State vs. Thomas**, 32 St. Rep. 229, 532 P.2d. 405 (1975)
[8] US Supreme Court, Mejju 1978.
[9] G.R. No. 203028, January 15, 2014.

mistqarr fid-deċiżjoni **People v. Connelly**[10] fejn intqal is-segwenti b'referenza għar regola tac-'chain of custody':

> When the evidence itself is not patently identifiable of is capable of being replaced or altered, admissibility generally requires that **all those who have handled the item 'identify it and testify to its custody and unchanged condition.** [enfasi ta' dik il-Qorti]

14. Illi kif jirriżulta mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Gilbert Mercieca, kif ukoll mix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti Istruttorja, nhar l-14 ta' Ottubru 2020, wara l-ħatra tiegħu mill-Maġistrat Inkwirenti kif fuq ingħad, huwa eleva s-segwenti esebiti minn ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u għamel l-analiżi neċessarja fuq l-istess dokumenti, kif deskritti fit-Tabella 1.1 u fit-Tabella 1.2:

> **DA 254/101**: Pakketti tal-plastik elevati mill-bagalja li kienet qeda ġġorr Marta Martin Darobeitia, detentriċi tal-karta tal-identita` Spanjola bin-numru BHQ164824;
>
> **DA254/102**: Pakketti tal-plastik elevati mill-bagalja li kien qiegħed jġorr Juan Jose Fernando Lopez detentur tal-karta tal-identita` Spanjola bin-numru BMU184130;
>
> **DA254/103**: Borza tal-plastik żgħira kontenenti trab abjad elevata minn fuq il-persuna ta' Juan Jose Fernando Lopez detentur tal-karta tal-identita` Spanjola bin-numru: BMU184130.[11]

15. Illi mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi "*Is-sustanzi koll*[h]*a, li nstabu fl-esebiti deskritti f'Tabella 1.2, ġew separati mill-ippakkjar ta*[għ]*hom u qed jiġu mgħoddija lura ma' din ir-relazzjoni*". Dan filwaqt illi l-ippakkjar, kif deskritt fit-Tabella 1.2, ġie mgħoddi lil Dr. Marisa Cassar għall-analiżi tad-*DNA*, liema espert fil-fatt ukoll inħatret mill-Maġistrat Inkwirenti fil-mori tal-inkjesta dwar il-każ odjern.[12]

---

[10] 35 N.Y.2d 171, 174, 316, N.E.2d 706, 708, 359, N.Y.S.2d, 266, 269 1974.
[11] Ara a fol. 98 tal-proċess.
[12] Ara d-digriet tal-14 ta' Ottubru 2020, a fol. 142 tal-proċess.

16. Illi mix-xhieda tal-istess espert ix-Xjenzat Gilbert Mercieca fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2020, jirriżulta hekk:

> Il-Qorti; Mela ha tipprezentalna r-rapport hux hekk, dan qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok. GM1 u x'ser tirritorna ukoll?
>
> Xhud; Qed nirritorna s-sustanzi li semmejt fir-rapport tieghi li elevajthom jien stess u qeghdin jigu mghoddija illum.[13]

17. Illi jirriżulta wkoll mill-atti proċesswali illi sussegwentement fl-udjenza tal-10 ta' Jannar 2022 miżmuma quddiem il-Qorti Istruttorja, din is-sustanza hekk ritornata mill-imsemmi espert, ġiet immarkata bħala Dok. GM2.[14]

18. Illi in oltre b'referenza għas-sustanzi minnu elevati nhar l-14 ta' Ottubru 2020 ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, fix-xhieda tiegħu tat-23 ta' Marzu 2021, l-istess espert jixhed illi meta huwa aċċeda ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, kien hemm żewġ bagalji, waħda ftit ikbar mill-oħra, waħda ta' lewn roża u oħra ta' lewn iswed, liema bagalji l-istess espert identifikahom fl-awla *seduta stante*[15] u illi kif dawn infetħu, fihom kien hemm il-pakketti bis-sustanza in kwistjoni. Fil-bagalja r-roża kien hemm seba' pakketti li għamel referenza għalihom fir-relazzjoni tiegħu bħala DA254/101, liema bagalja ingħad lilu illi kienet qed tinġarr mill-akkużata DANOBEITIA. Fil-bagalja s-sewda kien hemm sitt pakketti li għamel referenza għalihom fir-relazzjoni tiegħu bħala DA 254/102, liema bagalja ingħad lilu illi kienet qed tinġarr mill-akkużat LOPEZ. Jixhed in oltre illi x'ħin huwa wasal fuq il-post, dawn il-bagalji ġew indikati lilu bħala l-istess bagalji li fihom instabet is-sustanza. Jixhed ukoll nhar l-20 ta' Ottubru 2020, illi ġewwa l-istess ajruport, huwa ġie mgħoddi wkoll borża żgħira li kien fiha trab abjad, li nstab li jikkontjeni l-kokaina u li skont ir-relazzjoni tiegħu, din ġiet elevata minn fuq il-persuna ta' LOPEZ.

19. Illi mit-trattazzjoni tal-partijiet dwar din l-eċċezzjoni, jirriżulta illi l-abbli difensur tal-akkużata DANOBEITIA isostni illi ċ-*chain of evidence*

---

[13] A fol. 95 tal-proċess.
[14] Ara a fol. 253 tal-atti proċesswali.
[15] Dawn il-bagalji ġew esebiti mill-Ispettur Marshal Mallia bħala Dok. MM12 u Dok. MM13 fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2021.

inksiret stante illi fir-relazzjoni tiegħu, l-espert Mercieca ma jindikax min mill-Uffiċjali tad-Dwana kien li għaddilu din is-sustanza, meta huwa wasal fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. In oltre tgħid id-difiża, kienu l-Uffiċjali tad-Dwana li messu l-ewwel din id-droga u dan stante li jirriżulta mix-xhieda ta' Xanthe Farrugia illi din fetħet xi pakkett u għamlet test fuq is-sustanza ġewwa fih. It-test madankollu ma ġiex prodott, ma jirriżultax liema borża nfetħet u ma jirriżultax min għadda s-sustanza lil min, bir-riżultat finalment li lanqas ma jirriżulta min mill-Uffiċjali tad-Dwana għadda s-sustanza in kwistjoni lill-Pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga, b'dan għalhekk illi m'hemmx kontroll dwar it-trasmissjoni tas-sustanza esebita in atti mill-ajruport lill-espert Mercieca. Ittenni in oltre d-difiża illi lanqas ma jirriżulta minn fejn eżattament, ġewwa l-istess ajruport, ix-Xjenzat Mercieca ġabar din is-sustanza, kif lanqas ma jirriżulta illi l-Uffiċjali tad-Dwana elenkaw il-proċess ta' elevar, tal-ftuħ, tal-mod li bih missew is-sustanza u tat-trasmissjoni tas-sustanza, lanqas b'xi forma ta' riċevuta li turi tali trasmissjoni.

20. Illi fir-rigward jibda biex jingħad illi l-Ispettur Marshal Mallia jikkonferma kif meta mar ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, flimkien ma' PS 760, PC 1397, WPC 4 u PC 1440 , wara li ġie infurmat bis-sejba tad-droga mill-Uffiċjali tad-Dwana, huwa sab lill-ko-akkużati DANOBEITIA u Lopez, li kienu ġew imwaqqfa mill-Uffiċjali tad-Dwana, wara li waslu fuq titjira minn Spanja u fil-bagalji tagħhom instabu tlettax il-borża b'sustanza ħadranija, dak il-ħin suspettata li kienet *cannabis*. Skont ix-xhud, dawn instabu, in kwantu għal sitt boroż fil-bagalja ta' Lopez u seba' boroż fil-bagalja ta' DANOBEITIA. Huwa ġie wkoll infurmat mill-Uffiċjali tad-Dwana, illi fuq il-persuna ta' Lopez, kien instab pakkett żgħir kontenenti sustanza suspettata kokaina u illi dan instab mal-parti privata tiegħu.[16] PC 66 Jonathan Pace jixhed kif l-espert Gilbert Mercieca mar ġewwa l-Ajruport ta' Malta, minn fejn ġabar is-sustanza u dan filwaqt illi xehed illi fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Marshal Mallia, huwa kien mar ġewwa l-Ajruport ta' Malta fejn hemmhekk sab lill-akkużati miżmuma mill-Uffiċjali tad-Dwana wara li nstabet sustanza suspettata *cannabis* fil-bagalja li kellhom.[17] Bl-istess mod, PC 1397 Ludvic Farrugia jixhed illi wara li ġew infurmati mill-Ispettur Marshal

[16] Ara din ix-xhieda a fol. 30 *et seq* tal-atti proċesswali.
[17] A fol. 35 *et seq* tal-proċess.

Mallia li kienu twaqqfu żewġ passiġġieri mill-Uffiċjali tad-Dwana, stante illi fil-bagalja tagħhom instabet sustanza suspettata *cannabis*, huwa mar mal-kollegi tiegħu ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, fejn ġew infurmati li l-akkużati kienu twaqqfu wara li fil-bagalja tagħhom instabu diversi pakketti mdaqqsin ta' sustanza suspettata *cannabis*. Jixhed in oltre illi fuq il-post marru l-Pulizija tal-Forensika li ffotografaw l-oġġetti misjuba, kif ukoll ix-Xjenzat Gilbert Mercieca, li min-naħa tiegħu eleva s-sustanza msemmija.[18] PC 760 Christopher Saliba jispeċifika illi fil-jum in kwistjoni huwa ngħata struzzjonijiet mill-Ispettur Marshal Mallia sabiex jirrikorri ġewwa t-terminal tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, "*fil-Customs Area*", fejn hemmhekk sab lill-Uffiċjal tad-Dwana Richard Briscoe li ndikalu liż-żewġ persuni li kienu twaqqfu: passiġġier ta' sess maskili, illi x-xhud jirreferi għalih bħala "*Mr. Fernando*" u passiġġiera ta' sess femminili, fi kliemu "*Marta Martin*", liema passiġġieri huwa identifikahom bħala l-akkużati preżenti fl-awla. Dak il-ħin ġie nfurmat ukoll mill-Uffiċjal tad-Dwana, illi fil-bagalji rispettivi tagħhom ossia f'żewġ bagalji kien hemm sustanza suspettata *cannabis*. Jixhed in oltre illi fuq il-post kien mar ukoll l-Ispettur Mallia.[19]

21. Illi mix-xhieda fuq indikata, għalhekk jirriżulta illi meta l-Ispettur Mallia mar ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, flimkien mal-Uffiċjali tal-Pulizija minnu ndikati, dawn fil-fatt marru ġewwa l-*Customs Area*, kif jixhed PC 760 Christopher Saliba, u kif huwa wkoll loġiku tenut kont tal-fatt illi l-akkużati ġew imwaqqfa mill-Uffiċjali tad-Dwana wara li ġie riskontrat minnhom illi fil-bagalji li dawn kienu qed iġorru kien hemm sustanza suspettuża. Għalkemm dan tal-aħħar ma kienx preżenti meta l-espert ix-Xjenzat Gilbert Mercieca eleva s-sustanza in kwistjoni, biss il-kollegi tiegħu PC 66 u PC 1397 jixhdu illi x-Xjenzat mar fuq il-post u eleva s-sustanza in kwistjoni, li jfisser għalhekk illi din ġiet elevata mill-*Customs Area* u mill-ebda post ieħor ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

22. Mix-xhieda ta' Anthony Cutajar, imbagħad, Spettur tad-Dwana, li kien jinsab xogħol ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta dakinhar tal-14 ta' Ottubru 2020, jixhed illi l-kollega tiegħu Chantea Camilleri[20] waqqfet

---

[18] A fol. 37 *et seq* tal-proċess.
[19] A fol. 39 *et seq* tal-proċess.
[20] Jirriżulta mill-atti illi din fil-fatt kienet Chantelle Camilleri, Fizzjal tad-Dwana (ara a fol. 61 *et seq* tal-proċess).

żewġ passiġġieri, ossia lill-akkużati u talbithom sabiex jgħaddu l-bagalji tagħhom mill-i*scanning machine*, ma' liema magna kien hemm l-Uffiċjal Xanthe Farrugia, li hekk kif għaddew il-bagalji, rat xi ħaġa suspettuża u talbithom għalhekk sabiex ifittxu fil-bagalji. Dan ġie kkonfermat ukoll mill-Ispettur tad-Dwana Richard Briscoe.[21] Ikompli x-xhud Cutajar, kif ikkonfermat ukoll mix-xhud Briscoe, illi l-akkużati iddaħħlu fl-uffiċċju, fi kliem l-Ispettur Briscoe "*l-Ufficcju d-Dwana*", u hemmhekk Cutajar flimkien ma' Briscoe, għamlu tfittxija fil-bagalji, fejn fil-bagalja tal-akkużat u fil-presenza tiegħu, sabu sitt pakketti, li skont ix-xhud Cutajar, kienu jiżnu bejn wieħed u ieħor kilogramma l-pakkett, u li kif jgħidu ż-żewġ xhieda, kienu jikkontjenu sustanza qisha ħaxixa, filwaqt illi fil-bagalja tal-akkużata, u fil-presenza tagħha, nstabu seba' pakketti tal-istess daqs u kontenut. Dan jikkombaċja ma' dak li jixhed l-Ispettur Mallia u dan fis-sens illi meta l-pakketti ntiżnu da parti tal-Uffiċjali tad-Dwana, irriżulta illi dawn kellhom piż ta' madwar tlettax-il kilogramma[22], kif ukoll ma' dak li jirriżulta mir-relazzjoni tal-espert Mercieca ossia illi l-piż totali tas-sustanza fit-tlettax-il pakkett kien ta' 12.83 kilogrammi, kif ukoll illi kull pakkett kellu piż medju ta' 1.0 kilogramma +/- 20gramma.[23] Jixhed ukoll l-Ispettur tad-Dwana Anthony Cutajar illi minn tfittxija fuq l-akkużat Lopez li saret minnu stess flimkien mal-Fizzjal Alfred Tabone, fil-qalziet ta' taħt tiegħu nstab pakkett żgħir li kien fih trab abjad. Dan ġie kkonfermat ukoll mix-xhud Briscoe. Minn hemmhekk huma nfurmaw b'dan kollu lill-Pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga, li marru fuq il-post.[24] Skont ix-xhud Briscoe in oltre, il-Fizzjal Xanthe Farrugia għamlet *field test* għall-*marijuana* fuq il-post, fuq wieħed mill-pakketti[25], u dan tahom indikazzjoni illi s-sustanza fil-fatt kienet *marijuana.* Jixhed ukoll illi b'dan kollu ġew mgħarrfa l-Pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga, li marru fuq il-post ftit tal-ħin wara u li l-passiġġieri in kwistjoni ġew mgħoddija lilhom għal iżjed investigazzjoni. Kif ingħad iżjed' il fuq, l-Ispettur Mallia kkonferma fix-xhieda tiegħu illi huwa mar fuq il-post mal-kollegi tiegħu mill-Iskwadra kontra d-Droga hekk kif irċieva l-informazzjoni mogħtija lilu mill-Uffiċjali tad-Dwana, fis-sens illi mara u raġel ta' nazzjonalita` Spanjola kienu ġew imwaqqfa min-naħa tad-

[21] A fol. 44 *et seq* tal-proċess.
[22] Ara a fol. 30 tal-proċess.
[23] Ara a fol. 99, 100 u 104 tal-proċess.
[24] A fol. 42 *et seq* tal-proċess.
[25] Dan tikkonfermah ukoll ix-xhud l-Uffiċjal tad-Dwana Xanthe Farrugia fix-xhieda tagħha, a fol. 46 *et seq* tal-proċess.

Dwana fuq suspett ta' importazzjoni ta' *cannabis*. Dak li mbagħad sab meta wasal fuq il-post, jikkombaċja eżattament ma' dak li xehdu dwaru l-Uffiċjali tad-Dwana.

23. In oltre l-Fizzjal tad-Dwana Chantelle Camilleri tixhed hekk in kontro-eżami:

> Difiża; U kif allura inti irrelatajt il-bagalja ma' passiġġiera speċifiċi?
>
> Xhud; X'ħin kienu għaddejjin il-bagalji aħna ovvjament naraw il-passiġġieri dak il-ħin x'ħin jpoġġu l-bagalji aħna narawhom il-passiġġieri għax aħna għandna Perspex. X'ħin indunaw il-kollegi tiegħi li l-bagalja fiha xi ħaġa suspettuża, għajtu l-passiġġieri, ikkonfermaw it-tag mal-passiġġieri u l-passiġġieri ikkonfermaw illi l-bagalja hija tagħhom.[26]

24. Finalment, il-Fizzjal tad-Dwana Alfred Tabone, li wkoll kien jinsab fuq l-i*scanning machine* x'ħin waslu l-akkużati minn fuq titjira minn Sevilia, jixhed illi skennjaw il-bagalji tal-akkużati u raw fihom xi rregolaritajiet, b'dan għalhekk illi l-istess akkużati ġew skortati fl-uffiċċju tagħhom ġewwa l-*Arrivals.* Jixhed ukoll in kontro-eżami illi huma dejjem jistaqsu lill-passiġġieri jekk il-bagalji jkunux tagħhom u illi f'dan il-każ, l-akkużat li tella' l-bagalja fuq l-*X-Ray Machine* qallu li dik il-bagalja kienet tiegħu. Jixhed ukoll illi l-bagalja l-oħra ttellgħet mill-akkużata fuq l-istess magna, iżda ma staqsihiex dwar jekk din kinitx tagħha għaliex huwa mar mill-ewwel fuq l-akkużat hekk kif innota rregolaritajiet fil-bagalja tiegħu. Skont hu, "*ticcekkja t-tag tara li qed jghidlek il-verita*`".[27]

25. Illi in oltre mir-relazzjoni ta' PS 385 Emanuel Dalli, *Scene of Crime Photographer*, maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti bid-digriet tagħha tal-14 ta' Ottubru 2020, jirriżulta illi huwa mar fuq il-post ossia ġewwa l-*Arrivals* fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u hemmhekk iffotografa *inter alia* ż-żewġ bagalji ta' kulur iswed u ta' kulur roża rispettivament, kif ukoll is-sustanza in kwistjoni, b'kollox tlettax-il borża b'sustanza ħadranija. Jirriżulta wkoll mill-istess relazzjoni kif l-espert Gilbert

---

[26] Ara a fol. 62 tal-proċess.
[27] Ara din ix-xhieda a fol. 64 *et seq* tal-proċess.

Mercieca eleva l-boroż imsemmija flimkien mal-qartas kontenenti sustanza bajda sabiex issir analiżi da parti tiegħu.[28]

26. Illi għalhekk mill-atti proċesswali tirriżulta t-traċċjabilita` tal-evidenza misjuba mill-Uffiċjali tad-Dwana, elevata u analizzata mill-espert ix-Xjenzat Gilbert Mercieca u finalment esebita u ritornata minnu lill-Qorti Istruttorja fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2021. Mill-atti proċesswali jirriżulta x'sar minn din l-evidenza mill-mument li din instabet sal-mument li din ġiet esebita quddiem il-Qorti, b'dan għalhekk illi fit-termini tal-ġurisprudenza fuq ċitata, jista' jiġi traċċat kemm '*the continuous whereabouts of the evidence*', kif ukoll '*how it travelled from hand to hand*'.

27. Fir-rigward tal-*field test* in kwistjoni, irid jingħad illi minkejja li d-difiża tilmenta mill-fatt illi dan baqa' ma ġiex esebit fl-atti proċesswali, dan id-dokument ftit li xejn huwa ta' relevanza għall-proċess odjern. Fl-ewwel lok, kif jirriżulta mix-xhieda fuq indikata, dan it-test sar biss sabiex jagħti indikazzjoni lill-Uffiċjali tad-Dwana dwar jekk is-sustanza in kwistjoni kinitx effettivament sustanza llegali u lanqas ma jista' jingħad għalhekk illi dan huwa xi test determinattiv, u fit-tieni lok, il-prova illi s-sustanza kienet *cannabis* fl-atti proċesswali ma saritx tramite l-*field test* tal-Uffiċjali tad-Dwana, iżda tramite l-espert ix-Xjenzat Gilbert Mercieca maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti, li espleta l-inkarigu lilu mogħti u esebixxa r-riżultanzi tiegħu flimkien mas-sustanza in kwistjoni fil-proċess odjern. Bil-fatt li sar dan it-test, lanqas ma jfisser li s-sustanza analizzata mill-espert kienet mittiefsa *a priori* u li għalhekk ġiet kompromessa l-awtentiċita` tagħha bħala prova.

28. Illi għalhekk din il-Qorti ma tarax li kien hemm difetti proċedurali bil-mod li fih l-evidenza ġiet mgħoddija minn persuna għall-oħra mill-mument illi twaqqfu DANOBEITIA u Lopez bil-bagalji rispettivi tagħhom sal-mument li din l-istess sustanza ġiet elevata mill-espert fl-eżekuzzjoni tal-inkarigu li huwa ngħata mill-Maġistrat Inkwirenti u sussegwentement analizzata u esebita minnu f'dawn il-proċeduri fl-istadju tal-kumpilazzjoni tal-provi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.

[28] Ara din ir-relazzjoni a fol. 158 *et seq* tal-proċess.

29. Illi fi kwalunkwe każ, indipendentement minn dan kollu, l-evidenza kollha li ġiet miġbura fil-fażi tal-kumpilazzjoni għad trid terġa' tiġi prodotta quddiem il-ġurati fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri. Huma l-ġurati bħala l-imħallfin tal-fatt li se jiġu msejħa sabiex jiddeċiedu fuq il-valur probatorju ta' dik l-evidenza li l-akkużata qegħda tattakka bħala inammissibbli, minħabba li, skont hi, ma tirriżultax iċ-*chain of evidence*. Ikun għalhekk intempestiv f'dan l-istadju illi din il-Qorti tiskarta din l-evidenza fid-dawl ta' dak li qegħda teċċepixxi l-akkużata DANOBEITIA, meta wieħed iqis illi l-Uffiċjali kollha fuq imsemmija u l-esperti għad iridu jixhdu fl-istadju tal-ġuri u għalhekk din l-evidenza għad trid tgħaddi mill-iskrutinju tal-imħallfin tal-fatt, li se jqisu jekk fattwalment, l-evidenza prodotta mill-Prosekuzzjoni hijiex tali li tirrispetta r-regola taċ-*chain of evidence* u għalhekk li hija integra, awtentika u tali li tirriżulta l-kontinwita` tagħha. L-akkużata għad għandha wkoll kull opportunita` li tagħmel kontro-eżamijiet lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u li tattakka din l-evidenza bħala parti mil-linja difensjonali tagħha fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.

30. **Għaldaqstant, din l-ewwel eċċezzjoni preliminari qegħda tiġi miċħuda.**

<u>**It-Tieni Eċċezzjoni Preliminari**</u>

31. Illi permezz tat-**tieni eċċezzjoni preliminari**, l-akkużata qed teċċepixxi l-inammissibilita` tad-dikjarazzjonijiet tagħha u tal-ko-akkużat, u dan stante illi dawn saru mingħajr l-assistenza ta' avukat, u in oltre jiksru r-regola tal-*bad character evidence*, għad-dannu tal-akkużata.

32. Illi jibda biex jingħad li mit-trattazzjoni tal-abbli avukat difensur tal-akkużata quddiem din il-Qorti kif diversement preseduta, ma jirriżultax illi din l-eċċezzjoni titratta l-inammissibilita` ta' dawk l-istqarrijiet li rrilaxxjaw DANOBEITIA u Lopez ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija nhar il-15 ta' Ottubru 2020. L-akkużata qegħda tattakka biss l-ammissibilta` tad-dikjarazzjonijiet u tad-diskors illi hija setgħet għamlet jew qalet (u illi l-ko-akkużat Lopez seta' għamel jew qal) ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u dan ftit tal-ħin wara l-wasla tagħhom f'Malta u b'rabta mat-tentattiv ta' konsenja kontrollata li sar mill-Pulizija

bl-assistenza tal-istess akkużata u ta' Lopez. Irid jingħad illi l-kliem preċiż ta' dawn id-dikjarazzjonijiet tal-ko-akkużata ma jirriżultax għajr illi l-Ispettur Marshal Mallia jixhed, b'referenza għall-ko-akkużati, illi dawn ipprovaw jgħinu lill-Pulizija u qalu illi kellu jiġborhom minn barra l-ajruport, terz, għalihom injot, u jeħodhom f'lukanda.

33. Fir-rigward, l-abbli avukat difensur tal-akkużata jissottometti illi la darba twaqqfet mill-Uffiċjali tad-Dwana, saritilha *strip search* u fl-istat maħsud li kienet fih, sar tentattiv ta' konsenja kkontrollata, li wara li għaddew sigħat sħaħ baqgħet ma rnexxietx, l-akkużata kienet tant f'posizzjoni vulnerabbli li ma setgħetx tagħraf is-serjeta` tal-akkużi li eventwalment kienet se tiffaċċa u illi għalhekk id-dikjarazzjonijiet tagħha f'dak l-istadju għandhom jiġu skartati. Id-difiża hawnhekk tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tat-3 ta' April 2019, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rio Micallef, David Tabone u Darren James Vella** (Appell Nru. 14/2013/1) u ssostni kif il-prinċipji hemmhekk esposti għandhom japplikaw ukoll għall-każ odjern. F'dak il-każ, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkonfermat illi 'stqarrija' tinkludi mhux biss l-istqarrija bil-miktub, iżda anki kull dikjarazzjoni magħmula mis-suspettat fil-fażijiet tal-investigazzjoni:

> 8. Il-pern tal-kwistjoni kollha ghalhekk hu jekk bil-kelma "stqarrija" ghandux ikun neccessarjament mifhum biss stqarrija bil-miktub jew kull dikjarazzjoni maghmulha minn suspettat minghajr l-assistenza legali li hu intitolat ghaliha.
>
> 9. Fil-Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights – updated on 31 December 2018 mahrug minn Directorate of the Jurisconsult dwar it-tifsira ta' "criminal charge" kien sommat hekk:
>
>> 12 The Court held that a person arrested on suspicion of having committed a criminal offence (Heaney and McGuinness v. Ireland, ss42; Brusco v. France, ss 47-50), a suspect questioned about his involvenement in acts constituting a criminal offence (Aleksander Zaichenko v. Russia, ss 41-43; Yankov and Others v. Bulgaria, ss 23; Schmid-Laffer v. Switzerland, ss 30-31) and a person who has been questioned in respect of her suspect involvement

in an offence although she was treated as a witness (Kaleja v. Latvia, ss 36-41) aswell as a person who has been formally charged with a criminal offence under procedure set out in domestic law (Pelissier and Sassi v. France[GC], ss 66; Pedersen and Baadsgard v. Denmark [GC}, ss 44) could all be regarded as being “charged with a criminal offence” and claim the protection of Article 6 of the Convention.

10. Issa, l-Qorti Kriminali, korrettament interpretat il-kelma “stqarrija” bhala kull dikjarazzjoni maghmula lill-pulizija u dan preventivament ukoll sabiex tilqa’ ghal kull punt ta’ ligi li jista’ talvolta jinqala’ waqt il-guri. Din il-Qorti ma tarax kif tista’ ticcensura din l-interpretazzjoni aktar u aktar meta jkun inutili tilqa’ talba tal-inammissibilita’ ta’ stqarrija bil-miktub izda mhux wahda maghmulha bil-fomm u frankament ma tara ebda differenza bejn it-tnejn mil-ottika tad-Direttiva 2013/48/UE kif trasposta fl-artikolu 355 AT u 355AU tal-Kodici Kriminali.

34. Il-Qorti tinnota illi fil-każ appena ċitat, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba tal-Avukat Ġenerali għat-tħassir u r-revoka tas-sentenza appellata tal-Qorti Kriminali tas-27 ta’ April 2017 fl-istess ismijiet li “*ddikjarat illi kwalunkwe dikjarazzjoni u kull stqarrija bil-miktub rilaxjati minnhom lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet bhala nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju ...*”, wara li b’referenza għal skorta ta’ ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u anke dik lokali, qieset illi fiż-żmien in kwistjoni, l-akkużati [dak il-ħin suspettati] ma kellhomx il-jedd għall-assistenza legali stante illi fiż-żmien tal-każ ossia fis-sena 2008, dan il-jedd kien għadu mhux viġenti fil-liġi Maltija. Qalet hekk il-Qorti Kriminali dwar dan:

Esposti kwindi dawn il-linji gwida gurisprudenzjali u id-dritt illum vigenti fir-rigward li issa jinsab konformi mad-dritt komunitajru, kif inghad, din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi kwalunkwe dikjarazzjoni li setghu ghamlu l-akkuzati u kull stqarrija rilaxxjata minnhom lill-pulizija mill-mument ta’ l-arrest taghhom hija lesiva tad-dritt fondamentali taghhom jekk dawn inghataw minghajr ma huma kellhom assistenza legali... it-tifsira moghtija mill-ligi vigenti illum tal-frazi ‘proceduri kriminali’

tinkludi ‘l-investigazzjonijiet tal-pulizija’, li allura ifisser illi dan il-mument jiskatta hekk kif jitniehdu dawn l-investigazzjonijiet li certament allura ifisser mal-mument ta’ l-arrest (ara artikolu 534A Kodici Kriminali). Kwindi hekk kif gew arrestati l-akkuzati li f’dak il-mument kienu ghadhom biss suspettati huma kellhom jinghataw it-twissija, kif del resto jidher li gew moghtija, izda din kienet dik it-twissija li kienet tinghata skont il-ligi vigenti dak iz-zmien li allura ma kenitx tikkomprendi il-jedd ghal parir u assistenza legali . Fil-fatt il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem testendi it-tifsira ta’ “criminal charge’ mill-mument illi persuna tkun ser tigi affettwata minn xi att investigattiv tal-pulizija. (ara Alexander Zaicehnko vs Russia – 18/02/2010)”

35. Issa fil-każ in diżamina jirriżulta illi l-akkużati DANOBEITIA u Lopez minnufih ingħataw id-dritt għall-assistenza legali, fost drittijiet oħrajn mal-mument tal-arrest tagħhom mill-Pulizija Eżekuttiva u dan fil-presenza tal-interpretu, li mill-atti proċesswali, jirriżulta illi kienet Imelda Fede. Fix-xhieda tiegħu, l-Ispettur Marshal Mallia jgħid hekk:

> Inqratilhom id-dritt tagħhom id-drittijiet legali tagħhom kif ukoll id-dritt tal-avukat fil-preżenza tal-interpretu u meta tkellimna magħhom huma aċċettaw li jippruvaw jgħinu lill-Pulizija u qalu li suppost kellu jiġi jiġborhom persuna min barra l-airport u jeħodhom ġo lukanda pero` ma jafux min hu jew fejn jridu jmorru...[29]

36. Hekk ukoll jirriżulta mix-xhieda ta’ PC 1397 Ludvic Farrugia, li jixhed illi mal-wasla tagħhom ġewwa l-ajruport, ġew infurmati illi DANOBEITIA u Lopez kienu twaqqfu wara li fil-bagalji tagħhom instabu diversi pakketti b’sustanza ħadranija suspettata *cannabis.* Huwa jkompli hekk:

> Min hemmhekk huma ġew infurmati li kienu jinsabu taħt arrest fejn ingħatawlhom id-drittijiet tagħhom bil-lingwa Spanjola mill-interpretu.[30]

[29] Ara a fol. 31 tal-proċess.
[30] A fol. 37 tal-proċess.

37. Imbagħad issir ukoll referenza għax-xhieda ta' WPC 4 Cherise Camilleri li tixhed hekk dwar il-mument li fih huma waslu ġewwa l-ajruport u ġew infurmati mill-Uffiċjali tad-Dwana illi kienu nstabu żewġ bagalji b'diversi pakketti li kienu jikkontjenu sustanza suspettata *cannabis*, liema bagalji rriżulta illi kienu tal-ko-akkużati:

> It-tnejn li huma ġew mgħarrfa li jinsabu taħt arrest kif ukoll ingħataw id-drittijiet permezz tal-interpretu minħabba l-fatt li kienu jifhmu bl-Ispanjol biss... Aktar tard fuq informazzjoni li tawna huma stess pruvat li tinħadem control delivery pero' din irriżultat fin-negattiv, għalhekk dawn ġew skortati lejn il-lock up tal-Pulizija għal aktar investigazzjoni.[31]

38. Għaldaqstant jirrizulta li l-akkużata (daqskemm il-ko-akkużat Lopez), għażlet li titkellem mal-Pulizija Eżekuttiva volontarjament wara li ngħataw lilha d-drittijiet tagħha skont il-liġi, inkluż kif jirriżulta speċifikatament mix-xhieda tal-Ispettur Mallia, id-dritt tal-assistenza legali. In oltre ma jirriżultax lil din il-Qorti, illi tali dikjarazzjonijiet, li wasslu lill-Pulizija sabiex jipprovaw iwettqu konsenja kontrollata bl-għajnuna tal-ko-akkużati, ġew imġiegħla jew ittieħdu lilha b'xi forma ta' theddid jew b'biża' jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi, ħlief kif tixhed l-interpretu Imelda Fede, illi ġie spjegat lill-ko-akkużati l-import tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[32] Fil-fatt l-akkużata lanqas ma qegħda tilmenta illi d-dikjarazzjonijiet tagħha ttieħdu kuntrarjament għad-dettami tal-Artikolu 685 tal-Kodiċi Kriminali. Anzi mix-xhieda ta' PC 66 Jonathan Pace, jirriżulta kif l-akkużata (kif ukoll il-ko-akkużat Lopez) ikkoperaw mal-Pulizija:

> Aħna morna l-Airport fejn sibnihom li kienu qed jigu held by Customs tad-Dwana hemmhekk. Ippruvajna nikkomunikaw maghhom kemm jista' jkun pero` Ingliz kwazi kwazi xejn. WPC 4 Charise telghet fuq u gabitilhom karta bid-drittijiet Spanjola u ippruvajna nikkomunikaw kemm jista' jkun. Nixtieq ngħid li mal-ewwel indikazzjonijiet tat-tnejn li huma bdew juru li xtaqu jgħinuna. Hu beda jgħid li għandu sette ninos, u ħafna tfal u hekk u li għamilha biex jaqla' xi ħaġa żgħira. Minnufih l-Ispettur

[31] A fol. 59 tal-proċess.
[32] Ara a fol. 86 tal-proċess.

> Marshall ġie fuq il-post fejn flimkien mal-interpretu Imelda kellimhom u usual cautions u drittijiet...u ppruvajna nahdmu l-bicca xoghol li beda juri x-xewqa li jaghmel iz-zewg imputati...[33]

39. Kwindi dak kollu li seta' ntqal mill-akkużata (u minn Lopez) wara li din ġiet mogħtija d-drittijiet tagħha skont il-liġi, liema drittijiet ingħataw lilha permezz tal-interpretu, ma jistax jitqies li huwa inammissibbli, għaliex dawn kienu dikjarazzjonijiet magħmula minnha wara li l-Pulizija Eżekuttiva ħadet il-passi kollha neċessarji sabiex jiggarantixxu lill-akkużata (kif ukoll lill-ko-akkużat) id-drittijiet kollha viġenti fil-liġi lil persuna suspettata ta' reat kriminali mal-mument tal-arrest tagħha u tal-bidu tal-investigazzjoni.

40. Din il-Qorti tqis illi jeħtieġ illi tindirizza punt tad-dritt ieħor b'rabta ma' din l-eċċezzjoni, li permezz tagħha, kif ingħad, ġiet attakkata l-ammissibilita` ta' dawk id-dikjarazzjonijiet tal-ko-akkużati, li wasslu lill-Pulizija sabiex tipprova twettaq, mingħajr suċċess, konsenja kontrollata. Il-proċedura tal-konsenja kontrollata taħt l-Artikolu 30B tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, hija proċedura speċjali maħsuba mil-liġi li tippermetti *inter alia* illi sustanza lleċita tgħaddi minn persuna għall-oħra jew minn post għall-ieħor f'Malta, bl-iskop li jiġu identifikati persuni nvoluti fl-għemil ta' reati bi ksur tal-liġijiet dwar id-droga, f'dan il-każ il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt huma diversi l-investigazzjonijiet tal-Pulizija fejn il-konsenja kontrollata ssir fid-dawl tal-informazzjoni miksuba mingħand persuna li tkun qiegħda tiġi nvestigata b'rabta ma' reati li jinvolvu d-droga.

41. Jista' wkoll jagħti l-każ illi l-persuna li tkun għenet lill-Pulizija fil-konsenja kontrollata tibbenefika mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, f'każ ta' sejbien ta' ħtija. Għaldaqstant, huwa neċessarju illi jiġi ben definit kif l-Artikolu 30B u anke l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta huma mekkaniżmi speċjali u *ad hoc* li ħoloq il-leġislatur sabiex iforni lill-awtoritajiet b'għodda ta' investigazzjoni effettiva fil-ġlieda kontra d-droga. Għalhekk il-mekkaniżmu taħt l-Artikolu 30B ma jistax jiġi attakkat bħala li jkun qiegħed b'xi mod iwassal sabiex jinkrimina lil min

[33] A fol. 35 tal-proċess.

jagħżel li jgħin lill-Pulizija sabiex tiġi eżegwita operazzjoni ta' konsenja kontrollata taħt l-imsemmi artikolu, meta dan isir mill-persuna li hekk tgħin lill-Pulizija volontarjament, mingħajr ma jiġi mġiegħel, mhedded jew imbeżża' jew imwiegħed jew imwebbel b'xi vantaġġi u wara li jkunu ġew mogħtija d-drittijiet kollha spettanti lilu bil-liġi. Kull dikjarazzjoni hekk magħmula minnu b'rabta ma' dan il-mekkaniżmu li tipprovdi għalih il-liġi, hija ammissibbli, dment illi d-drittijiet tad-dikjarant qua persuna suspettata u nvestigata, ikunu ġew rispettati.

42. Jingħad ukoll illi d-dikjarazzjonijiet illi saru mill-ko-akkużati rispettivament, kif ukoll l-istqarrijiet bil-miktub li huma rrilaxxjaw rispettivament lill-Pulizija Eżekuttiva nhar il-15 ta' Ottubru 2020, ma jistgħux jintużaw ħlief fil-konfront ta' min għamilhom jew irrilaxxjahom, u dan fid-dawl tad-dettami tal-Artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk id-dikjarazzjonijiet li seta' għamel il-ko-akkużat Lopez fil-mument tal-arrest tiegħu, kif ukoll l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija fid-data msemmija, ma tagħmel l-ebda prova fil-konfront tal-akkużata DANOBEITIA, bl-istess mod illi dak illi ddikjarat jew stqarret DANOBEITIA ma jistax jintuża bħala prova favur jew kontra l-ko-akkużat Lopez.

43. Id-dikjarazzjonijiet magħmula b'mod verbali mill-ko-akkużat Lopez u l-istqarrija rilaxxjata minnu jistgħu jintużaw fil-proċeduri kriminali odjerni biss bħala prova fil-konfront tiegħu, u ai fini ta' kontroll tal-istess ko-akkużat kemm il-darba huwa jagħżel li jieħu l-pedana tax-xhieda u jixhed fl-istadju tal-ġuri. Madankollu apparti illi l-ko-akkużat ma jistax jiġi mġiegħel jixhed f'dawn il-proċeduri in omaġġ għall-prinċipju tad-dritt tiegħu għas-silenzju (dment li l-każ tiegħu ma jkunx għadda in ġudikat), anke hawn, kemm il-darba huwa jagħżel li jixhed u b'hekk jirrinunzja għal dan id-dritt, skont ir-regola ravviżata fl-Artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali meħuda *a contrario senso,* dak li jixhed Lopez ma jistax jintuża bħala prova fil-konfront tal-akkużata, iżda biss bħala prova fil-konfront tiegħu. Stante illi l-Avukat Ġenerali għażel illi jixli lil DANOBEITIA u lil Lopez f'Att ta' Akkuża wieħed, sabiex b'hekk jiġu ġudikati fl-istess każ, Lopez jista' jitqies biss bħala *a competent and compellable witness* fil-konfront ta' DANOBEITIA kemm il-darba l-Avukat Ġenerali jagħmel talba ai termini tal-Artikolu 594 tal-Kodiċi Kriminali sabiex jifred il-

kawżi u wara li l-każ ta’ Lopez ikun ġie definittivament konkluż u deċiż biex b’hekk l-istess Lopez ma jibqax ‘akkużat’.

44. Fi kwalunkwe każ, kif ingħad mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fis-sentenza tagħha tat-2 ta’ Mejju 2013, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Carmel Saliba**:

> 17. Iċ-ċirkostanzi ta’ l-appellant u ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdu l-istqarrija u x-xiehda, jifformaw parti mill-provi li se jinġiebu a konoxxenza ta’ l-imħallfin tal-fatti. L-istess bħalma jifforma parti mill-provi dak li l-appellant seta’ qal lil xi xhieda u ċ-ċirkostanzi li fihom ikun qalhom (f’dar-rigward l-appellant ma ndika l-ebda xhud partikolari li qiegħed jilmenta dwaru). Difatti, bħal fil-każ ta’ **Muscat**[34], l-appellant għad irid jgħaddi mill-proċess penali bil-garanziji proċedurali kollha li dan jagħti u fejn jinġiebu l-provi kollha, u mhux biss l-istqarrijiet tiegħu; illi matul dan il-proċess huwa sejjer ikollu l-għajnuna ta’ avukat; u illi l-imħallef togat sejjer iwissi lill-ġurati bil-ħtieġa li l-provi kollha, inkluża l-istqarrija u x-xiehda li ssemmiet, isir apprezzament tagħhom fl-assjem tagħhom meta jiddeċiedu dwar ħtija. L-imħallef saħansitra ċertament ser iwissi lill-ġurati biex jiskartaw l-istqarrijiet jekk tinġieb xiehda li l-istqarrijiet ttieħdu bi vjolenza, b’qerq jew b’theddid, jew b’wegħdiet jew bi twebbil ta’ vantaġġi. Sta wkoll għall-imħallef togat biex jara x’kawteli jridu jittieħdu mill-imħallfin tal-fatti dwar xi diskors li l-appellant seta’ qal lil xi xhieda u f’liema ċirkostanzi ntqal dak id-diskors. Konsegwentement anke t-tieni aggravju huwa miċħud.”

45. Illi dan japplika bl-istess mod fil-każ odjern.

46. Illi lanqas m’għandha raġun l-akkużata meta tattakka l-ammissibilita` tad-dikjarazzjonijiet tagħha u tal-ko-akkużat fid-dawl tar-regola tal-*bad character evidence*. Fir-rigward, il-Qorti tinnota illi fil-kors tat-trattazzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari quddiem din il-Qorti, kif diversement preseduta, l-avukat difensur ma rreferiex għal din il-parti tal-eċċezzjoni mqajma mill-ko-akkużata, li fil-fehma tal-Qorti m’hijiex ċara.

---

[34] Hawnhekk il-Qorti kienet qed tirreferi għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta’ Ottubru 2012, fil-kawża fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali**, fejn f’dak il-każ madankollu l-akkużat ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali, li ma kienx viġenti fiż-żmien in kwistjoni.

Fl-ewwel lok, kif ingħad id-dikjarazzjonijiet tal-ko-akkużat Lopez ma jagħmlux prova fil-konfront tal-akkużata. Fit-tieni lok, in kwantu d-dikjarazzjonijiet tagħha fil-fażi ta' qabel it-tentattiv tal-konsenja kontrollata, apparti illi kif ingħad, lanqas ma jirriżulta eżattament x'intqal mill-akkużata, għajr illi l-Pulizija ġew infurmati illi terz injot kellu jiġbor lill-ko-akkużati mill-ajruport sabiex jeħodhom f'lukanda, tali dikjarazzjonijiet saru minnha wara li ngħatat id-drittijiet tagħha skont il-liġi, bl-assistenza ta' interpretu u b'mod volontarju, mingħajr ma ġiet imġiegħla jew mhedda, imbeżża' jew imwiegħda jew imwebbla b'xi vantaġġi u għaldaqstant tali dikjarazzjonijiet jistgħu jittieħdu bħala prova fil-konfront tagħha, fit-termini tal-Artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali. Prova ma titqisx inammissibbli sakemm ma jkunx hemm disposizzjoni espressa fil-liġi li teskludi dik il-prova. Il-Qorti tqis illi m'hemm l-ebda regola fil-liġi illi teskludi l-ammissibilita` ta' xi dikjarazzjoni jew stqarrija tal-persuna akkużata, fl-istadju tal-investigazzjoni tar-reat li dwaru tkun qed tiġi nvestigata, għaliex tali dikjarazzjoni jew stqarrija titfa' dell ikrah fuq tali persuna jew tkun tali li tirrifetti ħażin fuq il-karattru tagħha.

47. **Għaldaqstant it-tieni eċċezzjoni preliminari qegħda tiġi miċħuda.**

## It-Tielet Eċċezzjoni Preliminari

48. Illi permezz tat-**tielet eċċezzjoni preliminari** l-akkużata teċċepixxi illi l-konsenja kontrollata mertu ta' dawn il-proċeduri hija nulla u mingħajr effett u dan stante illi l-liġi ma ġietx osservata. Għaldaqstant skont id-difiża, a bażi tal-prinċipju legali *quod nullum est, nullum producit effectum*, dak kollu li rriżulta minn tali *controlled delivery* huwa inammissibbli.

49. Illi jibda biex jingħad fl-ewwel lok, illi mill-atti kumpilatorji jirriżulta illi ma saret l-ebda konsenja kontrollata għaliex din finalment ma kellha l-ebda suċċess. Dak li seħħ nhar l-14 ta' Ottubru 2020 ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta kien biss tentattiv ta' konsenja kontrollata da parti tal-Pulizija u dan meta, bl-għajnuna tal-akkużata u ta' Lopez, huma stennew lil xi persuna mhux magħrufa barra l-istess ajruport, li kellu jiġbor lill-ko-akkużati mill-ajruport u jwassalhom ġewwa lukanda. Madankollu, baqa' ma tfaċċa ħadd u dan l-eżerċizzju twaqqaf. Għalhekk

ma saret l-ebda konsenja kontrollata kif trid il-liġi ai termini tal-Artikolu 30B tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

50. L-Artikolu 30B tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> (1) Minkejja kull ħaġa li tinsab f'kull liġi oħra, il-Pulizija Esekuttiva, u fejn ikun il-każ, l-Awtoritajiet tad-Dwana, jistgħu, bil-kunsens tal-Avukat Ġenerali jew ta' maġistrat, iħallu li ssir konsenja kontrollata.
>
> (2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, konsenja kontrollata tfisser it-teknika li biha konsenja illeċita jew suspettata ta' mediċina perikoluża (kif imfissra fl-artikolu 12) jew ta' flus, proprjetà jew rikavat kif hemm imsemmi fl-artikolu 22(1Ċ)(a) titħalla toħroġ minn Malta, tgħaddi minn Malta jew tidħol Malta, jew titħalla tgħaddi minn post jew mingħand persuna f'Malta għal post ieħor jew persuna oħra f'Malta, jew titħalla tidħol fit-territorju ta' pajjiż ieħor, intatta, jew imneħħija jew mibdula kompletament jew parzjalment, bil-kunsens u taħt is-sorveljanza tal-Pulizija Esekuttiva u, fejn tkun il-każ, tal-Awtoritajiet tad-Dwana u tal-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż ieħor, bil-għan li jiġu identifikati l-persuni involuti fl-egħmil tar-reati taħt din l-Ordinanza jew taħt il-liġi korrispondenti li tkun isseħħ fit-territorju ta' dak il-pajjiż ieħor.
>
> (3) Il-Pulizija Esekuttiva jew xi persuna taħt is-sorveljanza jew direzzjoni tal-Pulizija Esekuttiva tista', bil-kunsens tal-Avukat Ġenerali jew ta' maġistrat, bil-għan li tidentifika persuni involuti fl-egħmil tar-reati taħt din l-Ordinanza, takkwista jew tipprokura mediċina perikoluża (kif imfissra fl-artikolu 12) jew konsenja suspetta ta' flus, proprejtà jew rikavat kif hemm imsemmi fl-artikolu 22(1Ċ)(a) mingħand kull persuna u minn kull post.

51. Dan ifisser illi konsenja jew xiri kkontrollat ta' droga jista' jsir mill-Pulizija Eżekuttiva (jew minn persuna taħt is-sorveljanza jew direzzjoni tal-Pulizija Eżekuttiva) jew mill-Awtoritajiet tad-Dwana kemm il-darba jkunu ottjenew il-kunsens tal-Avukat Ġenerali jew ta' Maġistrat.

52. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Andre` Falzon</u>** (Att ta' Akkuża 13/09), deċiża minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-

10 ta' Ottubru 2012, il-Qorti qalet hekk dwar il-kunsens meħtieġ fil-każ ta' konsenja kontrollata:

> "Minn ezami akkurat ta' dan l-Artikolu mkien ma jirrizulta illi dan il-kunsens bilfors irid isir bil-miktub, dan jaghmel hafna sens il ghaliex fil-prattika mhux dejjem ikun hemm zmien bizzejjed sabiex dan il-kunsens hekk jinghata. Fil-fatt fil-maggoranza tal-kazijiet jirrizulta, minhabba n-nuqqas ta' hin disponibbli ghall-pulizija u sabiex jorganizzaw din il-konsenja kontrollata, jinfurmaw lill-Magistrat proprju ftit mumenti qabel ma ssir il-konsenja, l-Magistrat jaghti l-kunsens tieghu verbalment imbaghad aktar tard jiffirma d-dokumenti ghat-tali konsenja. Dawn id-dokumenti mhumhiex necessarji ghall-validita' tal-konsenja, l-importanti illi jkun hemm prova illi l-Magistrat ikun gie nfurmat u ta' l-kunsens tieghu. Din il-prova tista ssir b'diversi modi jew b'dokumenti jew inkella bix-xhieda guramentata ta' l-Ispettur li jkun ottjena tali permess".

53. Madankollu, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tal-15 ta' Jannar 2020 fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Gambin u Adel Mohammed Babani</u>** (Att ta' Akkuża 22/13), ingħad hekk dwar il-prova tal-kunsens meħtieġ fil-każ ta' konsenja kontrollata:

> "20. Din il-Qorti hi tal-fehma illi konsenja kontrollata hija kwistjoni serja li tirrikjedi li tkun dokumentata b'dettalji precizi ghaliex hafna drabi si tratta ta' awtorizazzjoni sabiex droga, wisq drabi f'ammonti sostanzjali, tithalla f'idejn persuni anke intercettati bl-istess droga kif ukoll li jsir hlas ghaliha bi flejjes li dwarhom tkun mehtiega ukoll prova ta' provenjenza u prova li jkunu l-istess flejjes f'kaz li n-negozju jkun sar bis-sahha ta' dik il-konsenja kontrollata. Oltre dan, jehtieg li jkun accertabbli li dik il-konsenja kontrollata tkun saret kif awtorizzata mill-Avukat Generali jew mill-magistrat u fil-konfront tas-suspettat imsemmi fl-awtorizazzjoni. Ghalkemm mhux necessarju li l-Pulizija tizvela min hi l-persuna li informata bl-allegat pjan ta' traffikar, jehtieg almenu li jkun hemm indikazzjoni tad-destinazzjoni intiza, mahsuba jew suspettata u dettalji ohra biex juru li dik l-awtorizazzjoni inghatat ghal dik l-operazzjoni fi hdan tal-informazzjoni moghtija lill-Avukat Generali jew lill-magistrat skont il-kaz;

...

24. Huwa inkoncepibbli li Magistrat jawtorizza l-konsenja kontrollata fit-termini tal-artikolu 30B tal-Kap 101 jekk mhux bil-forma miktuba. Issa jekk din ghall-ewwel issirx bil-fomm u aktar tard tkunx segwita bil-miktub ghal-fini ta' espedjenza hija kwistjoni ta' dettal insinjifikanti ghaliex anke jekk kif jigri fil-prattika, l-Pulizija tipprezenta talba direttament f'idejn magistrat u l-istess magistrat jakkorda t-talba naturalment ikun sufficjenti. Kontra dak li jsehh fil-kwistjoni ta' mandat ta' zamma u tfittxija, il-Pulizija jkun jehtigilha zzomm dak il-mandat f'idejha u turih lill-persuna mizmuma jew li dwarha ssir il-perkwisizzjoni. F'kaz bhal dak odjern certament mhux mistenni bl-ebda tigbid tal-imaginiazzjoni li l-Pulizija turi dik l-awtorizazzjoni meta taghmel l-arrest, izda dik l-awtorizazzjoni certament hi mehtiega fi stadju ulterjuri f'kaz ta' prosekuzzjoni. Dak li hu ta' importanza f'dan kollu, izda, hu li tkun tezisti dik id-dokumentazzjoni li turi l-awtorizazzjoni tal-Avukat Generali jew tal-magistrat."

54. Fil-każ odjern, l-Ispettur Marshal Mallia jixhed illi wara l-informazzjoni mogħtija lilu mill-ko-akkużati, huwa informa b'dan kollu lill-Maġistrat Inkwirenti li, apparti li ħatret numru ta' esperti sabiex jassistuha fl-inkjesta, tat ukoll il-permess sabiex issir konsenja kontrollata da parti tal-ko-akkużati. La mill-atti kumpilatorji u lanqas mill-atti tal-proċess verbal esebit fil-mori tal-kumpilazzjoni, madankollu, ma tirriżulta xi awtorizzazzjoni bil-miktub da parti tal-Maġistrat Inkwirenti.

55. Illi l-Qorti tqis illi semmai tali nuqqas kien jeffettwa l-operazzjoni tal-konsenja kontrollata, li kieku din seħħet. Madankollu, kif ingħad, finalment ma seħħet l-ebda konsenja. Jibqa' illi d-dikjarazzjonijiet tal-ko-akkużata (u tal-ko-akkużat) li wasslu għat-tentattiv tal-konsenja kontrollata, saru skont il-liġi u għalhekk dak li seħħ wara, jew in-nuqqas riskontrat iżjed 'il fuq, ma jeffettwax dawn id-dikjarazzjonijiet. Hawnhekk irid jingħad ukoll illi l-awtorizzazzjoni verbali tal-Maġistrat Inkwirenti għall-konsenja kontrollata evidentement ġiet wara d-dikjarazzjonijiet tal-ko-akkużati, u dan għaliex mingħajrhom l-Ispettur Mallia ma kienx ikun f'posizzjoni li jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Maġistrat

Inkwirenti għal tali konsenja. Dan jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-Ispettur Marshal Mallia.[35]

56. **Għaldaqstant, din it-tielet eċċezzjoni preliminari qegħda tiġi miċħuda.**

<u>**Ir-Raba' Eċċezzjoni Preliminari**</u>

57. **Illi r-raba' eċċezzjoni preliminari** tal-akkużata DANOBEITIA taqra hekk:

> Illi l-esponenti qegħda tindika lill-ko-akkużat Juan Jose Fernandez Lopez bħala xhud tagħha, liema xhud huwa essenzjali u kruċjali għad-difiża tagħha. Bid-deċiżjoni insindikabbli tal-Avukat Ġenerali li jakkuża lill-ko-imputati fl-istess Att ta' Akkuża huwa qiegħed arbitrarjament jimpedixxi l-produċibilita` ta' wieħed minn l-iktar xhieda ta' importanza għall-innoċenza tal-esponenti li huwa proprju Juan Jose Fernandez Lopez li fil-preżent m'huwiex xhud produċibbli stante l-inammissiblita` tiegħu.

58. Illi l-akkużata qegħda għalhekk tilmenta mid-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali illi tixli, għan-nom tar-Repubblika ta' Malta, lil DANOBEITIA u lil Lopez flimkien fl-istess Att ta' Akkuża, bil-konsegwenza illi Lopez qua ko-akkużat, m'huwiex xhud kompetenti fil-konfront tal-akkużata. Dwar dan, jingħad minnufih li hija l-liġi stess li tagħti diskrezzjoni lill-Avukat Ġenerali fid-deċizjoni ta' kif jipprosekwixxi kontra iktar minn akkużat wieħed, fejn dawn ikunu meqjusa bħala ko-awturi jew kompliċi, jew inkella bħala ħatjin ta' reati diversi li jkunu konnessi, fil-waqt illi l-akkużat m'għandux jedd li jintervjeni sabiex jikkontesta din id-deċizjoni. Dan il-poter tal-Avukat Ġenerali huwa konferit bis-saħħa ta' dak ravviżat fl-Artikolu 591 tal-Kodiċi Kriminali li jaqra hekk:

> Akkużi kontra żewġ persuni jew aktar bħala awturi jew kompliċi fl-istess reat, jew bħala ħatjin ta' reati diversi li jkollhom konnessjoni bejniethom[36], jistgħu jinġiebu f'att ta' akkuża wieħed

[35] Ara a fol. 31 tal-proċess.
[36] Ara l-Artikolu 592 tal-Kodiċi Kriminali li jispeċifika kif reat ikun meqjus konness ma' reat ieħor.

> u iġġudikati kollha fl-istess kawża, għalkemm xi wieħed minn dawn ir-reati jkun ta' kompetenza inferjuri.

59. Fil-fatt fil-każ odjern il-ko-akkużati qegħdin jiġu t-tnejn akkużati bl-istess reat ta' assoċjazzjoni għall-importazzjoni u traffikar tad-droga *cannabis*, bir-reat ta' importazzjoni tad-droga *cannabis*, kif ukoll bir-reat ta' pussess tad-droga *cannabis* mhux għall-użu esklussiv, oltre akkużi oħrajn kontra l-ko-akkużat Lopez waħdu.

60. Hawnhekk issir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tas-16 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelo Bilocca u Priscilla Cassar**, fejn il-Qorti trattat proprju dan il-punt:

> 62. Illi l-appellanti Cassar tishaq illi l-ko-akkuzat Angelo Bilocca huwa xhud determinanti, krucjali u essenzjali ghad-difiza taghha kontra l-akkuzi lilha addebitati fl-Att ta' l-Akkuza, izda bil-fatt illi l-Avukat Generali ghazel li jixli lill-imsemmi Bilocca flimkien maghha, irrenda x-xiehda tieghu bhala inammissibli fil-konfront taghha u ghalhekk qed jippreskludieha milli taghmel id-difiza taghha. Ghalhekk talbet lil din il-Qorti sabiex tidderigi lill-Avukat Generali halli jassikura illi Angelo Bilocca jkun xhud kompetenti fil-process gudizzjarju li ser isir fil-konfront taghha.
>
> ...
>
> 64. Dak li l-appellanti qeghda tistieden lill-Avukat Generali biex jaghmel, u allura qeghda titlob lil din il-Qorti tidderigi lill-Avukat Generali f'dan is-sens, huwa li tintalab is-separazzjoni tal-gudizzju sabiex ladarba l-kaz kontra Angelo Bilocca jkun ghadda in gudikat huwa jsir xhud kompetenti fil-process penali istitwit kontra taghha, billi fl-ewwel lok Bilocca ma jistax jigi imgieghel jiehu l-pedana tax-xhieda dment li l-kaz tieghu ma jkunx ghadu ghadda in gudikat, u fit-tieni lok ghaliex anke jekk jaghzel li jirrinunzja ghall-jedd tieghu ghas-silenzju u jiddeponi, dik ix-xiehda tkun tiswa ghalih biss u ma tistax titqies bhala xiehda favur jew kontra l-persuna ko-akkuzata.
>
> 65. Illi jibda biex jinghad illi l-istitut tas-separazzjoni tal-gudizzju huwa prerogattiva tal-Avukat Generali u cioe' hija f'idejh id-

decizjoni jekk iressaqx zewg ko-akkuzati sabiex jigu iggudikati flimkien jew separatament. L-Avukat Generali ghandu s-setgha jitlob is-separazzjoni tal-gudizzju, fejn imbaghad tkun fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tiddeciedi jekk ghandhiex tilqa' din it-talba o meno, fl-ahjar interess ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Fid-decizjoni li tat il-Qorti Kriminali fis-17 ta` Ottubru 1946 fil-kaz Il-Maesta` Tieghu r-Re vs Joseph Vella et" kien imfisser ir-*ratio legis* b`mod dettaljat wara dan l-istitut :-

> **Illi fi stadju meta kien ghadu mhux prezentat l-att ta' 1-akkuza, l-Attorney General kien fil-libertà insindakabili illi jew jaghmel atti ta' l-akkuza separati jew jaghmel att ta' l-akkuza wiehed. Infatti, skond l-art 585 Kap. 12, akkuzi kontra zewg persuni jew aktar, bhala awturi ta' l-istess reat, jistghu jingiebu f'att ta' l-akkuza wiehed. Il-kelma ''jistghu'' turi illi l-Attorney Generali ghandu l-fakoltà li jaghzel triq wahda jew l-ohra skond id-diskrezzjoni tieghu, illi f'dak l-istadju mhix sindakabili;**
>
> **Illi wara li jigi ezawrit dana l-istadju, hemm stadju iehor li fih l-Attorney General jista' jitlob is-separazzjoni tal-gudizzju; izda din id-darba d-decizjoni jekk ghandux ikun hemm din is-separazzjoni jew le ma tmissx aktar lilu. L-Attorney General jista' biss jaghmel it-talba, u l-Qorti tista' tichadha jew tikkoncediha, kwante volte tkun saret din t-talba (ara Dec. ''Rex vs. Micallef". 31 ta' Ottubru 1905, Imhallef Dr. Paolo Debono).**

66. Illi l-ligi kif kienet vigenti dak iz-zmien kienet taghti dina is-setgha lill-Qorti biss meta jkun jidhrilha spedjenti li ghandu isir hekk, kliem illi illum ma ghadux adoperat fl-artikoli 594 u 595 tal-Kapitolu 9. Madanakollu din il-Qorti hija tal-fehma illi r-*raison d'etre* wara d-decizjoni tal-Qorti jekk ghandux ikun hemm is-separazzjoni o meno ma ghandux iwassal sabiex igib aggravament lill-posizzjoni ta' xi akkuzat ghaliex hekk ikun qed jigi favorit akkuzat wiehed ghad-detriment ta' l-iehor. Illum issirx it-talba ghas-separazzjoni tal-gudizzju tispetta lill-Avukat Generali u ma tistax il-Qorti b'xi mod tindahal f'din id-diskrezzjoni.

67. **L-Archbold** jaghmel referenza ghall-gurisprudenza Ingliza in materia :

> ***"In R. v. Moghal, 65 Cr.App.R. 56, CA (an appeal based on the fact that separate trials had taken place), it was said that it is only in exceptional cases that separate trials should be ordered for two or more defendants who are jointly charged with participation in one offence. Similarly, it was said in R. v. Lake, 64 Cr.App.R. 172 at 175, CA, that it has been accepted for a long time in English practice that there are powerful public reasons why joint offences should be tried jointly; the importance is not merely the saving of time and money; it also affects the desirability that the same verdict and the same treatment shall be returned against all those concerned in the same offence; if joint offences were widely to be tried as separate offences, all sorts of inconsistencies might arise; accordingly, it is accepted practice that a joint offence can properly be tried jointly even though this will involve inadmissible evidence being given before the jury and the possible prejudice which may result from that; the practice requires that the trial judge should warn the jury that such evidence is not admissible as against a particular defendant or defendants."***

68. Illi s-sentenza tal-qrati taghna li dahhlet *funditus* fil-materja u fejn kien mistharreg jekk bid-diskrezzjoni li ghandu l-Avukat Generali ikunx hemm lezjoni tal-jedd tal-persuna akkuzata ghal smigh xieraq kif tutelat bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni hija dik li nghatat mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) tas-26 ta` Marzu 2013 fil-kawza **Anthony Bugeja vs Avukat Generali et** li kienet ikkonfermata b`sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali moghtija fit-3 ta' Frar 2014. Kien deciz hekk :-

> "**Fl-ewwel lok, it-tismija tal-fatti f'Att ta' Akkuża jservi biex isejjes it-talba li ssir minnu** (l-Avukat Generali) **f'kull kap tal-istess Att. Fit-tieni lok, dik it-tismija m'hijiex prova fiha nnifisha, iżda biss fehma li tfisser għaliex ikunu tressqu l-kapi tal-akkuża li jagħmlu mill-Att tal-**

**Akkuża. Il-prosekuzzjoni trid tipprova xorta waħda u fil-grad lil hinn minn kull dubju raġonevoli dak kollu li tallega għas-sudisfazzjon tal-ġurija. Għalhekk, l-għażla mwettqa mill-intimat ma ssarrafx f'sejbien minn qabel tal-ħtija tar-rikorrent. Fit-tielet lok, it-twettiq tad-diskrezzjoni mħolli fl-Avukat Ġenerali fit-tfassil tal-Att tal-Akkuża huwa għamil li tipprovdi għalih il-liġi nnifisha, u dan mhux biss fl-attribuzzjoni tal-fatti addebitati lill-persuna mixlija. Fir-raba' lok, it-twettiq ta' diskrezzjoni minnu nnifsu jimplika li ssir għażla mill-persuna li lilha hija mogħtija diskrezzjoni bħal dik: fejn ma jkunx hemm għażla, ma jkun hemm l-ebda diskrezzjoni, iżda sempliċi impożizzjoni awtomatika. Fil-ħames lok, dik l-għażla li tingħata lill-intimat fit-tfassila tal-Att tal-Akkuża torbot lill-istess intimat u hija mħarsa minn regoli preskritti fil-liġi li, ladarba l-persuna akkużata tkun wieġbet għax-xilja, ma tistax tqiegħed lill-persuna mixlija f'qagħda agħar u tkun torbot ukoll lill-Avukat Ġenerali nnifsu. B'dan il-mod, il-Qorti tqis li b'hekk titneħħa l-biżgħa tal-arbitrarjeta' u l-imġiba abbużiva li tista' ttebba' kull għamil diskrezzjonarju li ma jkunx intuża sewwa."**

69. Dan premess, huwa minnu illi f'dan l-istadju tal-proceduri il-ko-akkuzat Angelo Bilocca ma jistax jitqies li huwa xhud kompetenti fil-konfront tal-appellanti Priscilla Cassar (fl-ewwel lok ghaliex ma jistax ikun imgieghel jaghti x-xiehda tieghu dment li ghadu jitqies bhala "akkuzat" billi huwa sakrosant id-dritt tieghu ghas-silenzju, u fit-tieni lok ghaliex li kieku kellu jaghzel li jirrinunzja ghal dak id-dritt dak li jghid ikun jista` jiswa ghalih biss bla ma jkun jikkostitwixxi prova la favur u lanqas kontra l-persuna li tkun akkuzata mieghu) madanakollu tibqa` d-diskrezzjoni tal-Avukat Generali kif jaghzel li jixli lil persuni akkuzati b'reat u l-ordni li fih ghandhom isiru dawn il-proceduri. Din il-Qorti ma tistax b'xi mod tirregola jew tissanzjona din is-sitwazzjoni jekk mhux b`talba tal-Avukat Generali stess.

**70. Ghalhekk anke dan l-aggravju qed ikun michud.**

61. Illi bl-istess mod fil-każ odjern, minkejja illi l-ko-akkużat Juan Jose Fernandez Lopez ġie indikat mill-ko-akkużata DANOBEITIA fil-lista tax-xhieda tagħha, bħala xhud, f'dan l-istadju l-istess ko-akkużat ma jistax jitqies bħala xhud kompetenti fil-konfront tal-ko-akkużata u dan fl-ewwel lok għaliex il-ko-akkużat ma jistax jiġi mġiegħel jieħu l-pedana tax-xhieda sakemm jibqa' akkużat u dan fid-dawl tad-dritt tiegħu għas-silenzju, u fit-tieni lok, anke li kieku kellu jagħżel li jirrinunzja għal dan id-dritt, dak li jgħid jista' jiswa biss bħala prova fil-konfront tiegħu u ma jagħmilx prova, la favur u lanqas kontra, fil-konfront tal-ko-akkużata. Dan fil-fatt tirrikonoxxih ukoll l-istess akkużata fir-raba' eċċezzjoni tagħha.

62. Hawnhekk jingħad ukoll li anki li kieku l-Avukat Ġenerali għażel illi jixli lil DANOBEITIA u lil Lopez permezz ta' żewġ atti ta' akkuża separati, huma xorta waħda kienu jkunu meqjusa bħala ko-akkużati u allura suġġetti għar-regola ravviżata fl-Artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali kif interpretata *a contrario senso*. In oltre li kieku dan seħħ, l-akkużata ma kien se jkollha l-ebda garanzija li l-każ kontra l-ko-akkużat Lopez kien se jgħaddi in ġudikat qabel il-każ tagħha, b'mod li dan allura jsir xhud kompetenti fil-konfront tagħha. In oltre, la darba jiġi ċelebrat il-ġuri, kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-difiża se jkunu fl-istess posizzjoni in kwantu x-xhieda li jistgħu jagħtu l-ko-akkużati. Jekk id-difiża ma tistax tieħu benefiċċju minn xhieda ta' ko-akkużat fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor, daqstant ieħor il-Prosekuzzjoni.

63. In linea ma' dak li ngħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Anthony Bugeja et vs Avukat Ġenerali** tat-3 ta' Frar 2014, il-ko-akkużata m'għandha l-ebda jedd illi tippretendi illi xhieda tingħata sempliċiment għaliex favorevoli għaliha.[37] F'dak il-każ għal wieħed mill-aggravji tal-attur u dan fis-sens illi "… *meta quddiem il-Qorti Kriminali l-prosekuzzjoni bidlet l-akkuża sabiex minn ko-akkużat lir-rikorrenti takkużah bħala l-awtur tar-reat ġiet ippreġudikata d-difiża tal-appellant b'tali mod li ġie mittiefes il-prinċipju ta' equality of arms, ġiet*

[37] Fis-sentenza msemmija kien ingħad hekk mill-Qorti Kostituzzjonali: "*21. Lanqas is-separazzjoni tal-proċessi ma toħloq xi preġudizzju illeġittimu. Jekk, minħabba f'dik is-separazzjoni, ikunu jistgħu jinstemgħu xhieda li, li kieku l-proċessi ma nfirdux, ma kinux ikunu jistgħu jixhdu, u hekk tinkixef xi verità li ma tkunx taqbel jew togħġob lill-attur, b'hekk ma jinkiser ebda dritt, għax* ***l-attur ma għandu ebda jedd illi jippretendi illi xiehda ma tingħatax sempliċement għax sfavorevoli għalih***." [enfasi ta' din il-Qorti]

*mittifsa l-preżunzjoni tal-innoċenza, u li d-diskrezzjoni tal-prosekutur hija arbitrarja u irraġonevoli; b'hekk ġie vjolat id-dritt għal smigħ xieraq protett fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea*", il-Qorti qalet hekk:

> 10. Dan l-aggravju huwa msejjes fuq l-illużjoni illi l-jedd ta' min hu mixli quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali huwa mhux li l-proċess jitmexxa b'mod li jiggarantixxi li jingħata smigħ xieraq iżda li jitmexxa b'mod li jiggarantixxi eżitu favorevoli għalih.
>
> 11. Ix-xiehda li tinġabar waqt il-kumpilizzjoni sservi wkoll biex ikunu preċiżati aħjar l-akkużi li jistgħu jinġiebu u huwa biss meta jinbeda l-ġuri fuq l-att tal-akkuża fil-forma finali tiegħu illi l-akkużi jkunu kristallizzati, u huwa fuq dak l-att ta' akkuża illi l-akkużat ikun imsejjaħ biex jiddefendi ruħu. Ma jistax jippretendi illi jekk, waqt il-kumpilazzjoni, jinkixfu fatti ġodda, dawn ma jiġux riflessi fl-akkużi, daqskemm ma jiġux skartati fatti ġodda li jkunu favur l-akkużat. **Ma huwiex jedd tal-akkużat li jagħżel hu fuq xiex jiġi mixli, daqskemm ma huwiex jedd tal-akkużat li l-akkużi jkunu miġjuba b'mod li jagħtih l-aħjar possibilità li ma jinstabx ħati, kif, fl-aħħar mill-aħħar, qiegħed ifittex li jikseb l-attur bil-proċeduri tallum.** [enfasi miżjuda]

In oltre il-Qorti qalet hekk:

> 17. Il-prinċipju ta' *equality of arms* ma jfissirx illi l-prosekuzzjoni u d-difiża jkunu f'pożizzjoni identika. Forsi jrid l-attur illi hu, bħall-prosekuzzjoni, jkun mistenni illi jagħmel prova tal-każ tiegħu lil hemm minn kull dubju raġonevoli, biex ikun hemm ugwaljanza? Iżda dan ma jkunx aktar assurd mill-pretensjoni tiegħu li jkollu *voce in capitolo* daqs tal-prosekuzzjoni fit-tfassil tal-akkużi. Kif sewwa qalet l-ewwel qorti:
> "… il-prinċipju tal-"*equality of arms*", fil-qafas ta' proċediment kriminali "*where the very character of the proceedings involves a fundamental inequality of the parties, ... entails that the parties must have the same access to the records and other documents pertaining to the case, at least insofar as these may play a part in the formation of the court's opinion. ... Each party must be given the opportunity to oppose the arguments advanced by the other party. ... The principle further entails that the parties are afforded*

> *the same opportunity to summon witnesses. ... In addition, the parties must have the same possibility to call experts and these should in turn receive the same treatment*".[38] "
>
> 18. Il-fatt illi prosekuzzjoni u difiża għandhom rwol differenti u, kompatibilment ma' hekk, għandhom ukoll drittijiet u fakoltajiet li ma humiex identiċi, ma jmurx kontra l-prinċipju tal-*equality of arms*.

64. Illi finalment, kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Priscilla Cassar vs Avukat Ġenerali</u>** tal-1 ta' Diċembru 2021, fejn il-Qorti fissret fi kliem ċar il-limiti tal-pretensjonijiet li għandu jkollu l-akkużat fi proċeduri penali fejn il-Prosekuzzjoni tkun għażlet li teżerċita d-diskrezzjoni tagħha ai termini tal-Artikolu 591 tal-Kodiċi Kriminali:

> 18. Ma jirriżultax li jeżisti xi prinċipju li biex akkużat ikollu smigħ xieraq f'proċeduri kriminali, għandu jagħżel hu jekk ikunx akkużat ma' allegati ko-awturi jew kompliċi tiegħu jew jekk għandux jiġi akkużat waħdu.

65. Illi għalhekk hija fid-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali illi jagħżel b'liema mod jixli lil persuni b'reat jew reati, f'dan il-każ lill-ko-akkużati DANOBEITIA u Lopez, u din il-Qorti m'għandha l-ebda setgħa li tibdel din is-sitwazzjoni, ħlief b'talba tal-Avukat Ġenerali stess.

66. **Għaldaqstant, din ir-raba' eċċezzjoni preliminari qegħda tiġi miċħuda.**

**<u>Il-Ħames Eċċezzjoni Preliminari</u>**

67. Illi permezz tal-**ħames eċċezzjoni preliminari**, l-akkużata DANOBEITIA qegħda teċċepixxi n-nullita` tal-Att ta' l-Akkuża. Dan għaliex, skont l-akkużata:

> L-Att ta' Akkuża ġie redatt b'tali mod li l-ġurati jingħataw impressjoni li b'mod immedjat ser tixħet dawl ikrah fuq l-

[38] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għal Van Dijk et al. <u>*Theory and Practice of the European Convention of Human Rights*</u>, § 10.5.2.

esponent, u per konsegwenza tista' tippreġudika irrimedjabilment l-proċess tiegħu [tagħha] mill-bidu nett. Il-mod ta' kif inhu redatt l-Att ta' Akkuża jista' jwassal illi s-serenita` tal-ġudizzju tal-ġurati tiġi disturbata u għalhekk jista' jinħoloq preġudizzju ta' smigħ xieraq. Bl-akbar rispett, l-Avukat Ġenerali fl-Att ta' Akkuża konvenjentement għażel li jħalli barra dawk id-dettalji li jimmilitaw favur l-esponent. Il-ġurati ser jitħalla[ew] fl-għama minn informazzjoni fundamentali.

68. Illi huwa prinċipju ribadit f'ġurisprudenza kopjuża ta' din il-Qorti kif in-narrattiva adoperata mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta' l-Akkuża hija prerogattiva tal-istess Avukat Ġenerali. Il-fatti illi jagħżel li jinkludi l-Avukat Ġenerali fil-parti narrattiva ta' kull kap tal-Att ta' l-Akkuża huma biss riflessjoni tal-provi kif miġbura fl-istadju kumpilatorju tal-proċeduri mill-perspettiva tal-istess Avukat Ġenerali u jservu sempliċiment bħala preżentazzjoni formali ta' dik it-teżi li jkun qed jipprospetta l-Avukat Ġenerali fir-rigward tal-persuna akkużata.

69. Illi kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Fabian Catania** tal-21 ta' Ġunju 2023:

> 9. Illi din l-impunjattiva diretta lejn il-validita' ta'l-Att ta'l-Akkuża hija waħda li titqajjem kostantament u ripetutament mill-persuna akkużata. Dan għaliex l-ewwel darba li l-ġurija tiġi wiċċ imb'wiċċ mal-fatti tal-każ, li trid finalment tiddeċiedi dwarhom, huwa meta fil-ftuħ taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri l-Att ta'l-Akkuża, kif redatta mill-Avukat Ġenerali, tiġi moqrija mid-deputat reġistratur tal-Qorti Kriminali. Sa dak il-mument il-ġurija tkun għal kollox sajma minn kwalsiasi tagħrif jew informazzjoni dwar l-każ li jkun ser jinstema'. Illi fil-parti narrattiva tagħha l-Att ta'l-Akkuża jkun fiha rakkont redatt mill-Avukat Ġenerali dwar dak li jidhirlu huma l-fattispeċje tal-każ. Fatti li l-Avukat Ġenerali ma jistax joħloq minn żniedu jew jivvinta, iżda huma fatti li jridu jemerġu mill-provi kkumpilati matul l-istruzzjoni tal-każ fil-kumpilazzjoni li tkun saret quddiem il-Qorti Istruttorja. Ukoll minn dawk il-fatti imbagħad irid jemerġi r-reat li bih l-Avukat Ġenerali jixli lill-persuna akkużata fil-parti akkużatorja

> 10. Illi l-liġi ma tindikax il-mod kif l-Avukat Ġenerali għandu iħejji l-parti narrattiva tal-Att ta'l-Akkuża, bl-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali, għalkemm jindika illi fl-Att ta'l-Akkuża għandu jkun mfisser "*il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż- żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena*", madanakollu jħalli fid-diskrezzjoni tal-Prosekutur dwar il-mod kif tiġi redatta din in-narrazzjoni. **Dan ifisser allura illi l-Qorti ma tistax issib xi nullita' fejn il-liġi ma tipprovdiex dwar l-istess**, u għalkemm l-Avukat Ġenerali għandu jfittex li jkun kliniku u imparzjali f'din in-narrazzjoni mingħajr ma jara illi joħloq xi dramatiżazzjoni żejda, bħallikieku wiehed qisu qed jaqra xi novella, madanakollu ġaldarba ir-rekwiżiti stabbiliti fil-liġi huma sodisfatti, ebda nullita' ma tista tkun riskontrata. [enfasi ta' din il-Qorti]

70. Illi n-narrattiva kif esposta mill-Avukat Ġenerali ma tikkostitwixxix xi stat ta' fatt jew prova, la favur u lanqas kontra l-akkużata f'dawn il-proċeduri. Il-fatti kif esposti fl-Att ta' l-Akkuża ma jorbtux lill-ġurati. Huma biss dawk il-fatti li jemerġu mill-provi mismugħa matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri li jkunu jistgħu jittieħdu bħala prova favur jew kontra l-akkużata. Tant huwa hekk, illi għad jistgħu joħorġu fatti waqt is-smigħ tal-ġuri li ma jkunux riflessi f'dik in-narrattiva, kif esposta mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta' l-Akkuża. Kompliet hekk il-Qorti fis-sentenza fuq ċitata:

> 11. Illi sa mill-istadji inizjali tal-ġuri, imbagħad kemm l-Imħallef togat, kif ukoll l-Avukat Ġenerali stess fir-Rekwiżitorja tiegħu, minnufih javzaw lil ġurati illi dak rakkontat f'din il-parti narrattiva ma jikkostitwixxi ebda prova fil-konfront tal-persuna akkużata fejn jiġi lilhom spjegat dak li trid il-liġi meta l-Avukat Ġenerali jiġi biex iħejji l-Att ta'l-Akkuża u x'inhu l-kompitu tagħhom bħala imħallfin tal-fatt. Illi għalhekk din il-Qorti taqbel għal kollox mad-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali meta din iddeċidiet:
>
> > **5. Il-kontenut narrativ tal-Att ta' Akkuża ma jorbotx lill-ġurati. Dan l-Att iservi biex l-akkużat ikun jista' jkollu stampa kemm jista' jkun ċara tal-akkużi li jkunu ġew**

**miġjuba kontra tiegħu permezz tal-fatti elaborati fil-parti narrativa, biex b'hekk huwa jkun jista' jipprepara adegwatament id-difiża tiegħu.**

**6. Minn natura tiegħu, dokument akkużatorju qajla jista' jkun jikkontjeni fatti li jistgħu jitfgħu dawl sabih fuq l-akkużat. Akkuża kriminali, fiha nnifisha, mhix xi ħaġa li tirrifletti pożittivament fuq il-persuna akkużata. Il-kwistjoni kruċjali hija jekk il-fatti ikunux kemm jista' jkun fidili għall-fatti li jemerġu mill-provi prodotti; u b'mod partikolari jekk dawk il-fatti narrati fl-aħħar mill-aħħar jirriflettux fihom l-elementi tar-reat li l-Avukat Ġenerali imbagħad jixli lill-akkużat bihom. Mill-fatti narrati f'dan l-Att tal-Akkuża, din il-Qorti ma tarax li hemm xi fatturi li jistgħu jitqiesu li joħolqu xi preġudizzju partikolari kontra l-akkużat, għajr ħlief, naturalment l-aspett fundamentali ta' kull att akkużatorju li jekk pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi li jitresqu, l-akkużat ikun jista' jiġi misjub ħati tal-istess akkużi. L-anqas tara li kien hemm xi diskrezzjoni li hija mogħtija bil-Liġi lil Avukat Ġenerali u fejn dan allura ma eżerċitax tali diskrezzjoni.**

**7. Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-akkużat fejn jattakka l-Att ta' Akkuża għax skontu jixħet dawl ikrah fuqu. Apparti li dan ma jwassalx għan-nullita tal-Att tal-Akkuża, jibqa' l-fatt li dak li huwa determinanti biex l-imħallfin tal-fatt jiddeċiedu fuq il-kolpevolezza o meno tal-akkużat fir-rigward tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu, huma l-provi li għad iridu jinstemgħu fl-istadju tal-Ġuri, aktar minn dak li jkun kontenut fil-parti narrativa tal-Att tal-Akkuża.**

12. L-appellant fl-aggravju minnu ntentat jaqbel illi l-valur probatorju ta' dan l-att ġudizzjarju huwa għal kollox ineżistenti u allura l-Qorti qajla tista' tifhem l-oġġezzjoni imressqa minnu, aktar u aktar għaliex, kuntrarjament għal dak li jsostni fl-aggravju minnu ntentat, dak li jiggwida lil ġurati mhuwiex dak narrat fl-Att ta'l-Akkuza, iżda l-indirizz tal-Imħallef li mill-ftuħ tiegħu minnufih jipprovdi lil ġurati dawk il-linji gwida inizjali dwar il-

> mod kif għandhom jimxu meta jiġu biex jiġġudikaw dwar il-fatti tal-każ, fatti li, kif kemm il-darba jkun imfisser lilhom, iridu jemerġu biss u unikament mill-provi li ser jinstemgħu matul iċ-ċelebrazzjoni ta'l-istess. Illi allura bil-fatt illi l-Avukat Ġenerali seta' ma semmiex xi dettall li, fil-fehma tal-appellant, jista' jkun importanti ma jfissirx illi dan ser joħloq xi preġudizzju għalih, u dan meta ser ikun abbilment assistit mid-difensur tiegħu tul is-smigħ tal-ġuri fejn indubbjament ser jindika dawk il-fatti li jidhirlu jistgħu ixaqilbu il-miżien favur tiegħu, u li l-Avukat Ġenerali seta' ma indikahomx fl-Att ta'l-Akkuża, biex b'hekk id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq żgur li mhux ser jiġi kkalpestat.

71. L-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali appena ċitat japplika bl-istess mod fil-każ odjern. L-akkużata tillanja għall-mod li bih ġie redatt l-Att ta' l-Akkuża, għaliex skont hi, dan se jitfa' immedjatament dawl ikrah fuqha. Madankollu, salv għal dak li ingħad fis-sentenza appena ċitata, ossia illi l-Att ta' l-Akkuża min-natura tiegħu, qajla jista' jikkontjeni fatti li jitfgħu xi dawl sabiħ fuq il-persuna akkużata, f'dan il-każ il-Qorti tqis illi l-fatti kif narrati fl-istess Att ta' Akkuża m'humiex tali li jistgħu jitqiesu bħala ta' preġudizzju partikolari għall-akkużata, ħlief naturalment illi jekk tali fatti jiġu pruvati fil-grad li trid il-liġi, a bażi tal-provi li jitressqu matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, l-akkużata tkun tista' tinstab ħatja tal-akkużi miġjuba fil-konfront tagħha. Dan apparti illi l-ħtija o meno tal-akkużata tiġi determinata mill-ġurati fid-dawl tal-provi li jinġiebu matul il-ġuri u mhux ta' dak kontenut fil-parti narrattiva tal-Att ta' Akkuża. In oltre la darba l-ġurati jkunu marbuta biss b'dawk il-fatti li jemerġu mill-provi li se jinstemgħu fil-kors tal-ġuri u mhux bil-fatti kif jirriżultaw mill-Att ta' Akkuża, isegwi, kif qalet il-Qorti fis-sentenza ċitata, illi jekk l-Avukat Ġeneral ma semmiex xi fatti li jistgħu jkunu favorevoli għall-akkużata, dan mhuwiex se jsarraf fi preġudizzju għaliha. Wara kollox l-akkużata għandha l-jedd li tikkontro-eżamina lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u tressaq il-provi tagħha, b'dan għalhekk illi matul is-smigħ tal-ġuri se tkun f'posizzjoni li tindika dawk il-fatt li fil-fehma tagħha jistgħu jimmillitaw favur tagħha u jkollha l-opportunita` illi tipprova xxejjen il-provi tal-Prosekuzzjoni, u dan minkejja illi l-Avukat Ġenerali seta' ma ndikax dawn il-fatti fl-Att ta' Akkuża odjerna.

72. **Għaldaqstant, din il-ħames eċċezzjoni preliminari qegħda tiġi miċħuda.**

**Is-Sitt Eċċezzjoni Preliminari**

73. Illi permezz tas-**sitt eċċezzjoni preliminari** l-akkużata teċepixxi illi:

> Mingħajr preġudizzju għall-ħames eċċezzjoni, l-Att ta' Akkuża għandha tiġi riformata billi hija nieqsa minn fatti fin-narrativa li huma essenzjali u neċessarji ai finijiet ta' ġustizzja. Għalhekk jeħtieġ li fl-ewwel lok din il-Qorti tqis dak li Att ta' Akkuża għandha tinkludi fatti xjentifiċi li jirrispekkjaw l-elementi formali tar-reati addebitati. F'dan ir-rigward huwa applikabbli l-Artikolu 589 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

74. Illi hawnhekk l-akkużata qed titlob ir-riforma tal-Att ta' Akkuża stante illi fil-fehma tagħha, il-parti narrattiva ma tirrispekkjax l-elementi formali tar-reati addebitati. L-Artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk:

> L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u għandu –
>
> (a) isemmi l-qorti li jinġieb quddiemha;
>
> (b) jagħti ċar il-partikularitajiet tal-akkużat;
>
> (ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena; u
>
> (d) jispiċċa b'ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi (hawn jingħad l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat) jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat.

75. Illi l-Artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi dawk ir-rekwiżiti li għandu jkun fih l-Att ta' l-Akkuża taħt piena ta' nullita`, hekk illi ai termini tal-paragrafu (ċ) tal-istess artikolu, l-Avukat Ġenerali għandu oġġettivament jiġbor f'narrattiva waħda dawk il-fatti li jikkostitwixxu r-reat kif miġjub f'kull kap tal-Att ta' l-Akkuża bil-partikolaritajiet kollha li jsawruh u dan skont kif jemerġu mill-evidenza miġbura u mismugħa fl-istadju tal-kumpilazzjoni tal-provi quddiem il-Qorti Istruttorja. In oltre n-narrattiva adoperata mill-Avukat Ġenerali għandu jkun fiha deskrizzjoni ta' dawk iċ-ċirkostanzi kollha li skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena li tippreskrivi l-liġi għar-reat kif miġjub f'kull kap tal-Att ta' Akkuża.

76. Illi l-ispirtu tal-liġi fir-rekwiżit ravviżat fl-Artikolu 589(ċ) tal-Kodiċi Kriminali huwa naxxenti mid-dritt sagrosant li l-akkużat għandu jkun jaf b'mod ċar u inekwivokabbli liema huma dawk ir-reati li jkun qiegħed jiġi akkużat bihom quddiem il-Qorti Kriminali u dan sabiex ikun jista' jħejji bl-aktar mod sħiħ u effikaċi d-difiża tiegħu. Għalhekk, dan ir-rekwiżit jitqies li huwa wieħed minn dawk il-formalitajiet li l-liġi tirrikjedi *ad validitatem* fl-Att ta' l-Akkuża. Madankollu, il-liġi ma tispeċifikax kif għandu jkun redatt l-Att ta' Akkuża f'termini stilistiċi u in kwantu d-diċitura adoperata. Kif ingħad b'rabta mal-ħames eċċezzjoni preliminari iktar 'il fuq, il-każistika tal-Qrati tagħna hija rassodata fuq dan il-prinċipju in kwantu tirrikonoxxi li l-Avukat Ġenerali jgawdi minn ċerta diskrezzjoni fl-għażla ta' kif jesprimi ruħu fl-espożizzjoni ta' dawn il-fatti u hija prerogattiva tiegħu x'diċitura jew terminoloġija jadotta fit-twettiq ta' dan l-eżerċizzju.

77. F'dan ir-rigward issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Adrian Piscopo</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fit-12 ta' Ottubru 2022 fejn ġie rilevat illi:

> Illi l-ġurisprudenza in materja hija kopjuża. Dak li għandha tara l-Qorti meta tiġi biex tqies eċċezzjoni bħal din ventilata mill-appellant huwa li jkun hemm rispett u osservanza mill-Avukat Generali ta' dak li jiddisponi l-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali. **Ċertament jekk l-Avukat Ġenerali setax għażel kelma minflok oħra sabiex jirrakkonta il-fatti li minnhom imbagħad silet ir-**

> **reat addebitat lil persuna akkużata, ma jwassalx għal xi nullita' ta' l-Att ta' l-Akkuża billi l-fatti li jwasslu lil ġurati għal ġudizzju tagħhom huma dawk biss li jemerġu mill-provi mismugħa waqt il-ġuri u żgur mhux fuq dak rakkontat mill-Avukat Ġenerali,** kif dejjem jiġu ripetutament imwissija il-ġurati mill-Imħallef togat fl-indirizz tiegħu. [enfasi miżjud]

78. In oltre fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversement preseduta, fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Malcolm Joseph Falzon</u>** tad-19 ta' Mejju 2022, ingħad hekk:

> 4. Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-argument imressaq mill-appellant. Fl-Artikolu 589 il-Kodiċi Kriminali jelenka x'għandu jkun fih l-Att ta' Akkuża. Fosthom hemm l-obbligu tal-Avukat Ġenerali li jagħmel l-espożizzjoni tal-fatti billi jfisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena. F'din l-esposizzjoni tal-fatt, l-Avukat Ġenerali hu konċess ċertu grad ta' liberta dwar kif jesponi dawn il-fatti, li pero jrid jirrifletti l-mod kif ikun fehem il-provi miġbura matul il-kors tal-proċess istruttorju. Biss din in-narrativa tiegħu ma tikkostitwix "il-prova" tal-fatt. Il-prova hija msejsa fuq dak li oġġettivament jirriżulta mill-evidenza li tkun ġiet miġbura matul l-istruttorja u li eventwalment jiġi preżentat fil-kors tal-ġuri għall-ġudizzju tal-Ġurija. Din il-Qorti għalhekk f'din l-analiżi tagħha ma tistax tinoltra ruħha fuq dan l-aspett in kwantu mhix vestita bis-setgħa tal-ġudizzju dwar il-fatti tal-każ. L-anqas tista' tistħarreġ jekk dik in-narrattiva tal-Avukat Ġenerali tirriżultax imsejsa jew imsaħħa mill-provi prodotti fl-istruttorja. Dik hija setgħa riżervata għall-ġudizzju tal-Ġurija. Fl-aħħar mill-aħħar dak li jgħodd u jorbot lil ġurati hija l-evidenza li tkun miġjuba lilhom u li toħroġ matul il-kors tal-ġuri.

79. Issa fil-każ odjern kuntrarjament għal dak li tilmenta minnu l-akkużata, in kwantu l-Ewwel Kap tal-Att ta' Akkuża, li permezz tiegħu l-ko-akkużati ġew mixlija bir-reat ta' assoċjazzjoni għall-importazzjoni u traffikar tad-droga *cannabis*, fil-parti narrattiva l-Avukat Ġenerali għamel

użu mill-kelma '*xjentement*' li allura tirreferi għall-element formali tar-reat u kif "*xjentement iddeċidew illi jassoċjaw rwieħhom flimkien jew ma' persuna jew persuni oħra, f'Malta jew barra minn Malta, bil-għan li tiġi mportata d-droga, u ċioe` il-pjanta cannabis, f'Malta għall-fini ta' traffikar*", kif ukoll illi "*l-akkużati ftehmu bejniethom sabiex idaħħlu f'Malta madwar tlettax (13)-il kilo droga cannabis ...*" oltre illi "*in eżekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub minn qabel ... nhar l-erbatax (14) ta' Ottubru tal-istess sena, l-akkużati waslu Malta flimkien permezz ta' titjira FR 1409 minn Sevilja, Spanja, fil-waqt li kienu fil-pussess xjenti tad-droga cannabis ...sabiex l-imsemmija droga tiġi mportata u traffikata f'Malta*". Bl-istess mod, fit-Tieni Kap ta' Akkuża li permezz tiegħu l-ko-akkużati ġew mixlija bir-reat ta' importazzjoni tad-droga *cannabis,* fil-parti narrattiva l-Avukat Ġenerali jgħid illi l-ko-akkużati "*iddeċidew li jimportaw ġewwa il-gżejjer Maltin il-pjanta cannabis*", kif ukoll illi "*volontarjament u xjentement għamlu vjaġġ minn Sevilja, Spanja lejn Malta sabiex jimportaw ammont sostanzjali ta' droga cannabis moħbija fil-bagalji li huma kienu qegħdin iġorru magħhom u dan meta kienu jafu li kienu qiegħdin jimportaw l-imsemmija droga*". Il-kliem sottolineat minn din il-Qorti jirreferi proprju għall-element formali rikjest mil-liġi fil-każ tar-reati li bihom ġew mixlija l-ko-akkużati u illi allura fil-fehma tal-Avukat Ġenerali jirriżulta mill-provi kumpilatorji. Fir-rigward tat-Tielet Kap tal-Att ta' Akkuża li permezz tiegħu l-ko-akkużati ġew mixlija bir-reat ta' pussess tad-droga *cannabis* mhux għall-użu esklussiv, għalkemm hawnhekk l-Avukat Ġenerali ma jużax il-kliem adoperat fil-partijiet narrattivi tal-kapi l-oħrajn in kwantu l-pussess xjenti tad-droga da parti tal-ko-akkużati, l-istess kap madankollu jirreferi wkoll għall-"*kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikati fil-kapi preċedenti ta' dan l-Att tal-Akkuża*", inkluż ukoll għalhekk, skont l-Avukat Ġenerali, il-pussess xjenti tal-istess droga, li fil-fatt issir referenza għalih fl-Ewwel Kap.

80. Issa jekk huwiex minnu illi l-ko-akkużata xjentement assoċjat ruħha ma' terzi persuni f'Malta jew barra minn Malta sabiex tiġi importata u traffikata d-droga f'Malta, jekk huwiex minnu illi xjentement importat id-droga in kwistjoni ġewwa Malta u jekk allura huwiex minnu illi kellha l-pussess xjenti ta' din id-droga, huma fatti illi jridu jiġi determinati mhux minn din il-Qorti, iżda mill-ġurati matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u dan

fid-dawl tal-provi li se jinstemgħu fil-kors tal-istess. Madankollu għall-fini tal-Artikolu 589(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, jirriżulta illi l-vot tal-liġi ġie rispettat.

81. **Għaldaqstant, din is-sitt eċċezzjoni preliminari qegħda tiġi miċħuda.**

<u>**Is-Seba' Eċċezzjoni Preliminari**</u>

82. **Illi fis-seba' u l-aħħar eċċezzjoni preliminari tagħha,** l-akkużata teċċepixxi illi:

> L-investigazzjoni hija karenti mis-salvagwardja tad-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali hekk kif dispost fil-liġi. L-akkużat[a] ma ngħata[t]x id-dritt ta' aċċess għall-materjal tal-każ u lanqas ma ġie[t] mogħti[ja] aċċess għall-fatti u l-materjal kollu tal-każ. Din l-informazzjoni kellha tingħata fil-pront u bid-dettal meħtieġ sabiex tiġi salvagwardjata l-korrettezza tal-proċeduri u l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża. L-akkużat[a] ma kien[it]x j[t]af u allura ma setgħa[t]x tirrealizza s-serjeta` tal-każ u l-konsegwenzi tiegħu, u għalhekk l-istadju pre-trial qua wieħed purament investigattiv għandu jiġi sfilzat wara analiżi tal-fattispeċie tal-każ in diżamina.

83. Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni preliminari l-akkużata qegħda tattakka l-istadju investigattiv fil-każ odjern u dan skont hi, fid-dawl tan-nuqqas ta' osservanza ta' dak li jiggantixxi l-Artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali ossia l-jedd għal aċċess għall-materjal tal-każ.[39] F'dan ir-rigward il-Qorti tinnota illi mill-istqarrija rilaxxjata mill-akkużata lill-Pulizija nhar il-15

---

[39] **L-Artikolu 534AF** tal-Kodiċi Kriminali jaqra hekk:

(1) Meta persuna waqt kull stadju ta' proċeduri kriminali tiġi arrestata jew detenuta, kull dokument li jinsab fil-pussess tal-Pulizija, li hu relatat mal-każ speċifiku u li hu essenzjali sabiex issir rikuża effettiva tal-legalità tal-arrest jew tad-detenzjoni,għandu jkun disponibbli lill-persuna arrestata jew lill-avukat tagħha.

(2) Il-persuna suspettata jew l-akkużat għandu jkollhom aċċess,mingħajr ħlas, għall-evidenza materjali kollha li tinsab fil-pussess tal-Pulizija, kemm jekk hija kontra jew favur l-imsemmijin persuna suspettata jew akkużat, jew lill-avukat tagħhom sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta u sabiex jipprepara għad-difiża tagħhom.

(3) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), l-aċċess għall-evidenza materjali msemmija fis-subartikolu (2) għandu jingħata fi żmien xieraq sabiex ikun hemm eżerċizzju effettiv tad-dritt għal difiża u tal-inqas għandu jingħata mas-sottomissjoni tal-merti tal-kawża. Fejn aktar evidenza materjali tiġi fil-pussess tal-Pulizija, għandu jingħata aċċess fi żmien xieraq sabiex tkun tista' tiġi kkunsidrata mill-persuna suspettata jew mill-akkużat jew l-avukat tagħhom.

ta' Ottubru 2020, jirriżulta illi hija ngħatat informazzjoni b'rabta mal-provi li f'dak l-istadju l-Pulizija kellha fil-konfront tagħha, tant illi hija kkonfermat illi dan kien il-każ:

> Q. Naqblu illi jiena għedtlek bil provi kollha li il pulizija għanda bħala evidenza fil konfront tiegħek?
>
> A. Iva.[40]

84. Illi jirriżulta wkoll kif din it-tweġiba l-akkużata tatha wara li kienet ikkonsultat mal-avukat tal-għajnuna legali. Illi li l-akkużata, dejjem skont dak li tgħid fl-eċċezzjoni tagħha, ma kinitx taf u allura ma setgħetx tifhem is-serjeta` tal-każ u tal-konsegwenzi tiegħu, ma jfissirx illi ma ngħatatx aċċess għall-materjal tal-każ, oltre illi din hija asserzjoni gratuwita meta jirriżulta illi hija ottjeniet il-parir ta' avukat qabel l-interrogatorju tagħha, fuq liema parir fil-fatt għażlet li ma tweġibx għall-maġġor parti tad-domandi li saru lilha, kif kellha kull dritt li tagħmel skont il-liġi.

85. Illi fi kwalunkwe każ, jingħad fir-rigward illi l-posizzjoni li adottaw il-Qrati tagħna hija dik li tirriżulta mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tat-22 ta' Novembru 2023 fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Clayton Azzopardi</u>**:

> **43.** ... Illi l-għan wara d-dritt tal-aċċess għal materjal u l-evidenza huwa li l-persuna suspettata jew akkużata ikollha żmien biżżejjed mhux biss biex tissindika l-validita' tal-arrest tagħha, fil-każ li dik il-persuna tinsab arrestata u/jew detenuta, iżda ukoll sabiex ikollha żmien biżżejjed biex tipprepara id-difiża tagħha, u dan kif hemm imfisser fis-subartikoli (2) u (3) għall-artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali. Illi dan id-dritt ta' l-aċċess kif imfisser fil-liġi għandu jingħata "**mas-sottomissjoni tal-merti tal-kawża**." Issa żgur u mhux forsi illi matul il-kumpilazzjoni tal-każ, l-evidenza kollha li kellha l-Prosekuzzjoni ġiet imressqa fil-qorti, tant illi l-appellant għandu f'idejh, qabel il-mument taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, u allura meta ser isiru s-sottomissjonijiet fuq il-merti tal-kawża, l-materjal kollu li l-Prosekuzjoni għandha f'idejha biex b'hekk huwa għandu żmien biżżejjed biex jipprepara id-difiża tiegħu. Dan ifisser illi ser jibqgħu mhux mittiefsa l-jeddijiet tiegħu għal smigħ xieraq u skont il-liġi. Jikonsegwi għalhekk, illi ma hemm ebda lok li jkun hemm l-isfilz ta' ebda evidenza billi din

[40] Ara a fol. 11 u 12 tal-proċess.

ġiet ikkumpilata bil-għan, fuq kollox, li l-appellant ikollu *a full disclosure* tal-provi kollha li l-Prosekuzjoni bi ħsiebha tressaq waqt il-ġuri, f'liema mument allura l-mertu tal-każ ser ikun dibattut.

**44.** Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet jingħad ukoll illi ebda prova ma titqiesx li hija inammissibbli diment li ma jkunx hemm disposizzjoni espressa tal-liġi li teskludi dik il-prova milli tinġieb 'il quddiem. Issa huwa ndubitat illi ma hemm ebda disposizzjoni tal-liġi li ġġib xi nullita' tal-kumpilazzjoni jew addirittura tal-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija għaliex il-persuna suspettata ma tkunx ingħatat aċċess għal xi evidenza, kif lanqas hemm xi disposizzjoni tal-liġi li tirrendi inammissibbli xi evidenza materjali li ma tkunx ġiet svelata lis-suspettata mal-arrest tiegħu. Fuq kollox, kif ingħad, l-appellant llum għandu f'idejh l-evidenza kollha li ser tinstema' fil-ġuri. Ma jistax jingħad għalhekk illi kien hemm xi vjolazzjoni tal-jedd mogħti fl-artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali, għalkemm din id-disposizzjoni tal-liġi ma kenitx viġenti fiż-żmien tal-arrest tiegħu, billi l-evidenza kollha hija f'idejh u f'idejn id-difensuri tiegħu bil-għan illi "tiġi salvagwardjata proċedura ġusta u sabiex jipprepara għad-difiża tagħhom." Lanqas ma jista' jingħad illi l-aċċess għall-evidenza materjali ma ingħatax fi żmien xieraq "sabiex ikun hemm eżerċizzju effettiv tad-dritt għal difiża u tal-inqas għandu jingħata mas-sottomissjoni tal-merti tal-kawża", iktar u iktar meta l-proċess ġudizzjarju għad irid jiġi ċċelebrat. Għal dawn il-motivi dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

86. **Għaldaqstant, din is-seba' eċċezzjoni preliminari wkoll qegħda tiġi miċħuda.**

## Konklużjoni

Għaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-akkużata MARTA MARTIN DANOBEITIA.

B'hekk il-kawża qed tiġi differita *sine die* sakemm jiġi deċiż xi appell eventwali u/jew sakemm imissha t-turn tagħha sabiex tinstema' quddiem din il-Qorti bil-ġurati, skond jekk isirx appell minnha jew le.

Sadattant l-akkużata tibqa' fl-istess stat li tinsab fih illum in kwantu l-liberta` proviżorja.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**